MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-25 ta' Frar, 2019

Rikors Maħluf Numru 233/15 LM

**Alfred Testa (ID 0106154M) u martu Sylvana Testa (ID 0604956M)**

***vs.***

**Joyce Vella James (ID 0793339M), Maria Carmen James (ID 0539759M), Rita Briffa (ID 0459060M) u Josette Calleja (ID 0184466M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-12 ta' Marzu, 2015 mill-atturi **Alfred Testa** (ID 0106154M) u martu **Sylvana Testa** (ID 0604956M) (minn issa 'l quddiem "l-atturi"), u maħluf minn Alfred Testa personalment, li jgħid kif ġej:

1. *Illi fis-sena 1981, l-esponent Alfred Testa, ħuh Benjamin Testa, u oħthom Joyce Vella James, flimkien ma' żewġha Ronald Vella James (illum mejjet), ftiehmu li jieħdu flimkien bi sħab f'ishma ugwali l-kirja tal-istabbiliment bl-isem 'All Saints Bar & Restaurant', fi Triq il-Qawra, Qawra, u dan wara li kienu diġà*

*għamlu ċirka tliet snin joperaw bi sħab flimkien ma' persuna oħra stabbiliment simili;*

2. *Illi fil-fatt l-esponent deher fuq il-kuntratt ta' kera (Dok. AT1) għan-nom tas-soċjetà 'Ramus', li kien l-isem li l-aħwa Testa riedu jagħtu lill-kumpannija tagħhom; din il-kumpannija kellha tinfetaħ bi sħubija bejn Alfred Testa, Benjamin Testa u Ronald Vella James bħala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ma' martu. Ġara però li l-accountant li huma qabbdu dak iż-żmien, Anthony Cassar (illum ukoll mejjet) tahom parir li minflok jiftħu kumpannija kien jaqblilhom mil-lat ta' taxxa u spejjeż li joperaw bi sħab f'isimhom personali fuq bażi ta' partnership purament ċivili; wara sena Benjamin Testa ħareġ min-negozju billi biegħ sehmu min-negozju lil Alfred Testa u lil Ronald Vella James;*

3. *Illi l-partijiet ta' dak iż-żmien kienu jafdaw lil xulxin ħafna, billi familjari, u qatt ma saru skritturi formali sabiex jirregolaw il-ftehim ta' sħubija li kien hemm bejn il-partijiet, iżda min-naħa l-oħra ġew iffirmati diversi skritturi li jikkonfermaw bil-miktub l-eżistenza u l-operazzjoni ta' tali ftehim ta' sħubija. Il-profitti relattivi għall-ġestjoni tal-istabbiliment kienu jiġu dikjarati għall-finijiet ta' taxxa mill-partijiet fuq bażi ta' ħamsin fil-mija kull wieħed, u l-accountant Cassar kien iħejji profit and loss account li sija Alfred Testa u sija Ronald Vella James kienu jiffirmaw u jannettu mal-Income Tax Return rispettiva tagħhom. Damu jagħmlu dan mill-1981 sa Marzu tal-1998, meta n-negozju twella, u Alfred Testa u Ronald Vella James qasmu, fuq bażi wkoll ugwali, il-prezz li daħlu tal-bejgħ tan-negozju (LM25,000) wara li tnaqqsu l-ispejjeż;*

4. *Illi tant hu hekk, illi anke meta daħlet fis-seħħ il-liġi tal-VAT, Alfred Testa u Ronald Vella James applikaw għal VAT number konġunt, billi ddikjaraw li topera bejniethom partnership ċivili, u ngħataw il-VAT Number 1237-8134; għalhekk, mis-sena 1995 sas-sena 1998 Alfred Testa u Ronald Vella James kienu jippreżentaw bħala sħab VAT u CET returns konġunti;*

5. *Illi qabel ma twella n-negozju, kienu nfetħu numru ta' proċeduri bejn sidien il-kera u Alfred Testa, għall-iżgumbrament tiegħu mill-fond; dan sar kontra Alfred Testa personalment, biss, għaliex is-soċjetà Ramus qatt ma ġiet iffurmata u għalhekk baqa' jidher biss isem Alfred Testa. L-ewwel kawża saret għaliex is-sidien ippretendew il-fond lura fi tmiem it-terminu stipulat tal-kirja, iżda ġie deċiż illi l-kirja kienet protetta (ara Dok. AT2); apparti minn hekk, is-sidien oġġezzjonaw li jieħdu l-arretrati tal-kera li kienu ġew depożitati l-Qorti, u din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet li sidien il-kera kellhom jieħdu l-imgħaxijiet fuq tali kirjiet (Dok. AT3); eventwalment is-sentenza li ċaħdet l-*

*iżgumbrament ġiet ikkonfermata fl-appell (Dok. AT4) u kien hemm ukoll proċeduri dwar il-konteġġji tal-flus depożitati, spejjeż u imgħaxijiet (Dok. AT5); inoltre, għadhom għaddejjin proċeduri oħra quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera dwar arretrati ta' kera in konnessjoni mal-perijodu ta' wara li twella l-istabbiliment għaliex sidien il-kera ma rrikonoxxewx liċ-ċessjonarji tal-kirja (Rik. Nru. 74/2011GG, diff. 16.03.2015);*

6. *Illi meta bdew il-proċeduri, Ronald u Joyce Vella James kienu jipparteċipaw attivament fil-proċeduri kollha, u qatt ma kien hemm dubju bejn il-partijiet li, jkun x'ikun l-eżitu, l-ispejjeż jinqasmu bejniethom nofs bin-nofs, kif dejjem inqasmu l-profitti tan-negozju; wara li miet Ronald Vella James l-armla tiegħu Joyce baqgħet issegwi l-proċeduri u baqgħet sa riċentement dejjem tistaqsi biex tkun taf x'inhu s-sehem tagħha li trid tħallas; ġara iżda li riċentement jidher li ħadet parir legali u qed tapprofitta ruħha mill-fatt illi qatt ma saret skrittura formali biex tirregola l-partnership de facto eżistenti bejniethom; madanakollu, il-profit and loss accounts li kienu jiġu ppreżentati lill-awtoritajiet, iffirmati sija minn Alfred Testa u sija minn Ronald Vella James, kif ukoll l-applikazzjoni għal VAT number konġunt u l-VAT Returns konġunti tagħhom huma prova indiskutibbli tas-sħubija li kienet topera bejn il-partijiet u l-esponenti sejrin eventwalment iħarrku lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet ikkonċernati sabiex jippreżentawhom uffiċjalment;*

7. *Illi l-esponenti sa issa ħarġu ħafna flejjes in konnessjoni mal-proċeduri msemmija, inkluż id-depożiti kollha li jissemmew u jinsabu msemmija fis-sentenzi u fid-digriet anness; huma sa issa qatt ma talbu lil Joyce Vella James jew lil uliedha, werrieta ta' Ronald, sabiex joħorġu sehemhom minn tali spejjeż, għaliex jafu li s-sitwazzjoni finanzjarja ta' Joyce Vella James hija prekarja, u l-esponenti dejjem fittxew li jgħinuha pjuttost milli jgħakksuha; dan l-aħħar, però Joyce Vella James avvanzat pretiżi fuq kreditu differenti allegatament dovut lilha minn Alfred Testa, u rrifjutat li tpaċih ma' kwantu kellha tagħti hi; kien f'dan l-istadju li ħareġ fl-apert bejn l-aħwa l-bdil fil-pożizzjoni ta' Joyce Vella James rigward dak li kien dovut minnha bejn l-esponenti, tant illi hija waslet biex intavolat mandat ta' sekwestru u kawża kontra ħuha (Qorti tal-Maġistrati, Avviż Nru. 40/2015 FDP) mingħajr ebda tentattiv ta' transazzjoni, u għadha sal-lum tirrifjuta li tiltaqa' biex tipprova tittransiġi din il-vertenza; u kien minħabba f'hekk li l-esponenti ġew kostretti jiftħu din il-kawża, wara mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-istess ismijiet (Nru 296/15), sabiex Joyce Vella James u uliedha jiġu kkundannati jħallsu sehemhom mill-flejjes li ħarġu sa issa l-esponenti u sabiex il-kontijiet tas-sħubija jiġu llikwidati; ovvjament, Joyce Vella James ġiet imħarrka sija personalment kif ukoll fil-kwalità tagħha ta' armla ta' Ronald Vella James,*

*filwaqt illi l-ulied ġew imħarrka fil-kwalità tagħhom ta' werrieta tal-istess Ronald Vella James;*

*Jgħidu għaldaqstant il-konvenuti jew min minnhom għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

*i. Tiddikjara li l-esponenti minn naħa u minn naħa l-oħra l-intimata Joyce Vella James u żewġha Ronald Vella James, awtur tal-konvenuti l-oħra, kienu joperaw bi sħab l-istabbiliment 'All Saints Bar & Restaurant', fi Triq il-Qawra, Qawra;*

*ii. Tiddikjara illi l-partijiet qabel ma nfetħet din il-kawża illikwidaw bonarjament l-assi tas-soċjetà iżda li saru u għadhom qed jiġu inkorsi spejjeż in konnessjoni mal-istess soċjetà, li jridu jitħallsu miż-żewġ naħat f'ishma indaqs bejniethom; u*

*iii. Tillikwida sehem il-konvenuti mill-ispejjeż li ġew inkorsi sa issa fis-somma ta' sbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin Euro u seba' ċenteżmi jew somma verjuri, u tordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi tali spejjeż, flimkien ma' kull spiża oħra li għad tista' tirriżulta jew tiġi likwidata fil-futur in konnessjoni mal-vertenzi ġudizzjarji relattivi għall-kirja tal-istabbiliment 'All Saints Bar & Restaurant'.*

*Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru nru. 296/15, kif ukoll dawk tar-rikors għar-revoka tal-istess mandat (Rik. Nru. 172/05SM), u bl-imgħax legali, bil-konvenuti inġunti minn issa in subizzjoni u bir-riserva ta' kull azzjoni legali ulterjuri opportuna.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **Joyce Vella James** (ID numru 793339M), **Carmen James** (ID numru 539759M), **Rita Briffa** (ID numru 459060M) u **Josette Calleja** (ID numru 184466M), (minn issa 'l quddiem "il-konvenuti"), li ġiet ippreżentata fl-10 ta' April, 2015, u maħlufa minn Carmen James, li biha eċċepew:

*Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda minn dina l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kontra l-atturi għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi in limine litis, l-atturi naqsu milli jispeċifikaw fir-rikors ġuramentat li primarjament il-ġestjoni tal-istabbiliment 'All Saints Bar' kienet saret biss mir-*

*raġel tal-konvenuta Joyce Vella James, Ronald Vella James u l-attur Alfred Testa. Il-konvenuta Joyce Vella James qatt ma kienet involuta f'din il-ġestjoni li saret bejn is-sena 1981 u l-aħħar tas-sena 1997. Tul dan l-istess perijodu, għalkemm il-partijiet kienu ftiehmu li l-ġestjoni tal-istabbiliment surriferit kellha ssir bejniethom, l-amministrazzjoni kienet issir biss mill-attur innifsu. Fil-fatt, tul anke dan il-perijodu ta' bejn sittax-il (16) sena, l-atturi qatt ma pprovdew dettalji lill-konvenuti fir-rigward tal-ġestjoni li kienet qed issir unikament mill-attur innifsu. Fir-rigward tal-kuntratti ta' kera relatati mal-istess stabbiliment, il-konvenuti qatt ma kienu ġew offruti li jidhru fuq dawn l-istess kuntratti u dan għaliex l-attur ried akkost ta' kollox jidher waħdu fuq dawn l-iskritturi, bl-iskop prinċipali li fis-sena 1993 l-attur ipprova jixtri l-'All Saints Bar' waħdu għall-prezz ta' sittin elf Lira Maltin (LM60,000) u bl-intenzjoni li jaqta' barra mill-ġestjoni lil Ronald Vella James. Dan id-dettall joħroġ minn sentenza mogħtija nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) (Ċit. Nru. 963/1998/1 JRM – vide fol. 3 para. 4). Fil-fatt, f'dak il-perijodu in kwistjoni, l-attur kien prova juża l-flus dovuti għall-kera tal-istess stabbiliment bħala depożitu tal-akkwist tal-istess stabbiliment. Din it-transazzjoni saret b'mod frivolu u dan għaliex Ronald Vella James, li suppost skont l-atturi kien qed iġestixxi l-istabbiliment mal-attur, qatt ma kien jaf b'dak li kien qed jipprova jagħmel l-attur. Dan ġie a konoxxenza tal-konvenuti eċċipjenti proprju issa li dawn is-sentenzi ġew ippreżentati mill-attur innifsu fir-rikors ġuramentat. Jirriżulta wkoll u dan anke skont ma jidher mis-sentenzi l-oħra li ġew ippreżentati mill-attur innifsu, illi sal-aħħar tas-sena 1997, ma kienx għad hemm proċeduri intavolati fil-konfront tal-attur. Il-problemi u ċioe l-proċeduri legali bdew jinqalgħu proprju xhur wara li Ronald Vella James waqaf jiġġestixxi l-istabbiliment flimkien mal-attur. Apparti dan, meta Ronald James ittermina din il-ġestjoni f'Diċembru tas-sena 1997, fil-fatt kien hu stess li ried jaċċerta ruħu illi sal-aħħar ġurnata li hu kien involut fil-ġestjoni ta' 'All Saints Bar' kien ser iħalli somma flus lill-attur sabiex tkopri xi spejjeż li seta' kien hemm pendenti u marbutin mal-istess stabbiliment sal-aħħar ta' Diċembru tas-sena 1997. Din is-somma kienet tammonta għal ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), illum ekwivalenti għas-somma ta' tmienja u ħamsin elf, mitejn u erbgħa u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€58,234.33). Ronald Vella James kien ħalla din is-somma fil-kontijiet bankarji tal-attur Alfred Testa, u dan sabiex iħallas l-ispejjeż li seta' kien hemm pendenti u relatati mal-kirja tal-istabbiliment sax-xahar ta' Diċembru 1997. Qed jiġi ddikjarat ukoll mill-konvenuta eċċipjenti Joyce Vella James illi meta Ronald Vella James temm il-ġestjoni tiegħu lejn l-aħħar ta' Diċembru tas-sena 1997, kien l-attur stess li qal lil Ronald Vella James li ma kellu x'jaqsam xejn aktar mal-'All Saints Bar' u saħansitra minn issa 'l quddiem kulħadd għal rasu. Fil-fatt, minn dakinhar 'l hemm, l-attur la qatt ta rendikont lill-konvenuta u jew lil żewġha fuq xi kontijiet li setgħu kien għadhom*

*pendenti u wisq anqas jekk is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), kinitx intużat għall-iskop sub-indikat. Anzi, kien Ronald Vella James li talab lill-attur jagħtih rendikont ta' kif intefqu l-ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), liema rendikonti qatt ma ġew suppliti la lil Ronald Vella James u lanqas lil xi ħadd mill-konvenuti eċċipjenti. Ma jistax ma jiġix irrimarkat ukoll illi l-fatt li kien hemm proċeduri intavolati fil-konfront tal-attur fis-sena 1998 jindika b'mod ċar illi l-attur ċertament m'għamilx użu tas-somma sub-indikata sabiex iħallas il-kirja u jew spejjeż li setgħu kien għad hemm pendenti sa Diċembru 1997. Mhux talli hekk, imma a kawża tal-ġestjoni u amministrazzjoni ħażina adoperata mill-istess attur, l-ispejjeż u proċeduri fil-konfront tiegħu komplew jakkumulaw b'mod allarmanti. Jingħad ukoll illi dak iż-żmien li ġew intavolati l-kawżi fil-konfront tal-attur innifsu, dan ċertament ma setax idur u jew jgħajjat lil Ronald James Vella sabiex iwieġeb għall-istess talbiet, u dan għaliex Ronald James Vella kienu għadu kif ħallielu somma flus sabiex ikopri l-ispejjeż tal-aħħar ta' Diċembru tas-sena 1997. Apparti l-fatt ukoll illi bħal ma ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, spejjeż pendenti sal-aħħar ta' Diċembru 1997 ma kienx hemm. Sakemm Ronald Vella James kien involut fil-ġestjoni, dan kien ħalla kollox 'in order' u kull spiża li seta' kien hemm, kienet ġiet 'accounted for' fil-Profit and Loss Accounts, apparti l-fatt li kienet tħalliet is-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000) f'idejn l-attur fit-terminu tal-ġestjoni. In vista tal-fatt illi għaddew ben sbatax-il (17) sena minn meta Ronald Vella James ittermina l-ġestjoni li kellu ma' Alfred Testa, ċertament l-azzjoni tal-attur nomine hija waħda preskritta ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;*

2. *Illi preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, skont il-kopja tal-kuntratt ta' kera ppreżentata mill-attur Alfred Testa, liema kuntratt ġie ffirmat quddiem in-Nutar Dottor George Cassar fit-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u wieħed u tmenin (1981), dan l-istess kuntratt ġie ffirmat unikament mill-attur u imkien m'hemm indikati l-konvenuti Joyce Vella James u jew żewġha Ronald Vella James u jew il-konvenuti l-oħra eċċipjenti. Fil-fatt, il-konvenuti jiddikjaraw li din hija l-ewwel darba li qed jaraw kopja tal-kuntratt ta' kera relatata mal-istabbiliment 'All Saints Bar', u dan tant kemm verament qatt ma kienu involuti fil-ġestjoni u amministrazzjoni diretta tal-istess stabbilimenti. Di piú, jidher ċar ukoll illi skont is-sentenzi indikati u annessi mill-attur innifsu, preċiżament sentenza numru 577/98 JRM datata l-31 ta' Mejju, tas-sena 2005, sentenza numru 963/98 JRM, sentenza tal-appell numru 577/98 datata l-1 ta' Frar tas-sena u d-digriet 1010/05FS datat id-19 ta' Jannar tas-sena 2010, il-konvenuti qatt ma kienu parti mill-kawżi u jew mid-digriet supra ċitati. Jingħad ukoll illi fil-mori ta' dawn l-istess kawżi, l-atturi setgħu faċilment jitolbu lill-Qorti rispettiva sabiex jiġu kjamati in kawża l-konvenuti eċċipjenti u dan sabiex iwieġbu*

*għat-talbiet tal-atturi. Però dawn, fis-sbatax-il (17) sena qatt ma ġew kjamati fil-kawżi sub-indikati u jew infurmati bil-kawżi li kien hemm. In vista ta' dan, l-eċċipjenti ċertament għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit għar-rigward tal-kwistjoni sollevata f'para. tlieta (3) tar-rikors promutur, il-konvenuti eċċipjenti jixtequ jippreċiżaw illi Ronald Vella James temm il-ġestjoni konġunta li kellu mal-attur Alfred Testa f'Diċembru tas-sena 1997 u mhux f'Marzu tas-sena 1998, u dan wara li l-konvenuta Joyce Vella James damet ben sittax-il (16) sena taħdem fl-istabbiliment u qatt ma tirċievi paga għax-xogħol li kienet tagħmel. Mhux talli dan ma kienx biżżejjed, imma talli l-konvenuta Joyce Vella James u żewġha Ronald Vella James kienu dejjem huma li fetħu l-istabbiliment minn kmieni filgħodu sa tard bil-lejl mit-Tnejn sal-Ħadd. L-attur Alfred Testa kien imur biss għal xi siegħa jew sagħtejn biex jiġbor il-cash. Jixtieq jiġi ppreċiżat ukoll illi s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000) qatt ma nqasmet fuq bażi ugwali mill-partijiet u dan għaliex bħal ma ġie sottolineat f'punt numru 1 aktar 'il fuq, din is-somma kienet tħalliet fil-kontijiet bankarji tal-attur Alfred Testa speċifikament biex jitħallas il-kera u jew xi spejjeż oħra li setgħu kien hemm dovuti sal-aħħar tas-sena 1997. Qed jiġi rrimarkat ukoll illi fl-aħħar tas-sentenza tal-istess paragrafu, l-attur innifsu jammetti 'wara li tnaqqsu l-ispejjeż'. Hawn qed jindika b'mod ċar illi l-attur qiegħed fil-fatt jirrikonoxxi illi ma kien hemm l-ebda spejjeż pendenti sal-aħħar ta' Diċembru 1997 u dan sakemm Ronald Vella James dam fl-istess ġestjoni;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, f'para. 5 tar-rikors ġuramentat, l-attur qed jagħmel aċċenn għas-sentenza u l-mertu deċiż fil-kawża datata l-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa (Ċit. Nru. 963/1998/1 JRM), però l-atturi jonqsu milli jindikaw preċiżament dettalji li huma ta' natura essenzjali fir-rigward tal-mertu in kwistjoni. Il-konvenuti eċċipjenti ma jħossux li għandhom joqogħdu jidħlu fil-mertu ta' dawn is-sentenzi u jħossu li l-Onorabbli Qorti kif diversament ippreseduta kienet ċara ferm fl-ispjegazzjoni tagħha u saħansitra pprovdiet analiżi pjuttost korretta;*

5. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, f'para. 6 tar-rikors ġuramentat, l-attur inkorrettament jistqarr illi Ronald Vella James u l-konvenuta Joyce Vella James kienu jipparteċipaw attivament fil-proċeduri kollha, u li qatt ma kien hemm dubju bejn il-partijiet li, ikun x'ikun l-eżitu, l-ispejjeż jinqasmu bejniethom nofs bin-nofs, dejjem kif inqasmu l-profitt tan-negozju. Jixtieq jiġi sottolineat illi l-attur qed jagħti verżjoni għal kollox inveritiera u stante li Ronald James Vella u l-konvenuta eċċipjenti qatt ma kellhom ftehim mal-attur fir-rigward ta' ħlas ta' spejjeż u jew*

*profitti, la bil-fomm u wisq anqas bil-miktub. Jixtieq jingħad ukoll illi l-profitti derivanti mill-ġestjoni tal-'All Saints Bar' kienu jinżammu unikament mill-attur innifsu tul il-perijodu kollu li Ronald Vella James kien involut miegħu fl-imsemmija ġestjoni. Ir-raġuni għalfejn l-attur Alfred Testa intavola din il-kawża hija propjru sabiex jirkupra l-ispejjeż tal-kawżi li huwa tilef fi żmien fejn Ronald Vella James u l-konvenuta Joyce Vella James ma kienx għadhom involuti;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, jixtieq jiġi sottolineat ukoll illi l-kawża odjerna intavolata mill-atturi konjugi Testa ġiet intavolata proprju in ritaljazzjoni tal-proċeduri li ġew intavolati minn oħt l-attur u ċioé mill-konvenuta eċċċipjenti Joyce Vella James. Dawn il-proċeduri ġew intavolati quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Rikors Nru. 40/2015 FDP) u jirrigwardaw talba għall-ħlas tas-sehem dovut lill-konvenuta minn somma li l-ġenituri tal-attur Alfred Testa u l-konvenuta eċċipjenti Joyce Vella James kienu sellfu lill-attur u li dan tal-aħħar kien obbliga ruħu li jħallas lura lil ħutu entro sentejn mid-data tal-mewt ta' ommhom. Fil-fatt, l-attur b'mod abbużiv u illegali, qed jirrifjuta illi jħallas is-sehem dovut lill-konvenuta eċċipjenti, għalkemm huwa ħallas is-sehem ta' ħutu l-oħrajn. Jixtieq jiġi ppreċiżat ukoll illi f'para. sebgħa (7) tar-rikors promutur, l-attur jiddikjara illi hu dejjem ipprova jgħin lil oħtu konvenuta eċċipjenti Joyce Vella James. Primarjament, jixtieq jingħad illi kieku l-attur ried jgħin lill-konvenuta eċċipjenta dan seta' faċilment jagħmlu matul is-sittax (16)-il sena li hi kienet taħdem ġo l-'All Saints Bar' meta dan qatt ma ndenja ruħu jagħtiha xi tip ta' paga u jew salarju tas-sigħat twal li kienet tagħmel. Mhux talli hekk, imma talli f'dak iż-żmien li l-attur kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-istess stabbiliment, lanqas biss il-bolol ma ħa ħsieb li jħallas għan-nom ta' Ronald Vella James u tal-konvenuta, liema nuqqas irriżulta f'sitwazzjoni fejn il-konvenuta eċċipjenti lanqas biss kienet intitolata li tirċievi pensjoni sħiħa għax spiċċat tirċievi pensjoni tar-relief. Mhux talli hekk, imma l-attur biex ikompli jitfa' dawl ikrah fuq il-konvenuta eċċipjenti, fl-istess paragrafu, kompla jallega illi l-pożizzjoni tal-konvenuta ħareġ fl-apert proprju meta ntavolat proċeduri fil-konfront tiegħu. Jibda biex jingħad illi primarjament ma kien hemm l-ebda pożizzjoni li setgħet inbidlet u dan għaliex l-attur dejjem għaffeġ fl-affarijiet relatati mal-ġestjoni tal-istabbiliment waħdu u mingħajr qatt ma ta informazzjoni fuq dak li kien qed jiġri lil ħadd. Ir-raġuni għalfejn il-konvenuta eċċipjenti rrifjutat li tpaċi s-somma mitluba mill-attur mas-somma li hi verament dovuta lilha hi dovuta għas-segwenti raġunijiet:*

   a. *L-attur qed jippretendi ħlas ta' spejjeż ammontanti għal sbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin Euro u seba' ċenteżmi (€17,596.07), ċifra li ġiet mitluba sbatax-il (17) sena wara li l-ġestjoni konġunta ġiet itterminata;*

*b. L-attur qed jippretendi ħlas ta' ċifra li ma ġiet sostanzjata bl-ebda tip ta' rċevuta u jew ftehim. Ċertament wieħed ma jistax jippretendi li jitħallas somma ta' dik il-kwalità mingħajr ma jipprovdi provi konkreti; u*

*c. L-attur in parte qed jitlob ħlas ta' spejjeż relatati ma' kawżi li ġew istitwiti fil-konfront tiegħu meta dan lanqas biss ta opportunità lill-konvenuti jwieġbu għall-istess spejjeż meta l-istess kawżi ġew intavolati fil-konfront tiegħu. Mela l-ewwel l-attur ħa ħsieb li jwieġeb għall-kawżi kollha waħdu, spiċċa biex tilef il-kawżi kollha waħdu u issa qed jippretendi ħlas tal-ispejjeż tal-kawżi meta l-konvenuti m'huma indikati fl-ebda okkju tas-sentenzi u jew setgħu kienu involuti b'xi mod.*

*Huwa speċifikament għal dawn ir-raġunijiet għalfejn il-konvenuta eċċipjenti rrifjutat li tpaċi dawn is-somom. Fir-rigward tal-allegat tentattiv ta' transazzjoni li qed jirreferi għalihom l-attur, il-konvenuta tixtieq tirrimarka illi sfortunatament l-attur naqas milli jsemmi t-tentattivi frivoli li huwa għamel fir-rigward tagħha proprju f'Jannar tas-sena 2015, meta dan ipprova jieħu mara ta' 76 sena, u ċioé l-konvenuta eċċipjenti Joyce Vella James, għand in-nutar sabiex tiffirmalu karta fejn qed tiddikjara li qed tirrinunzja s-sehem tagħha minn parti mill-wirt tal-ġenituri tagħha, mertu tal-kawża sub-indikata. Apparti li dan l-aġir malizzjuż ma kienx biżżejjed għaliha, l-attur naqas ukoll milli jsemmi t-theddid fuq it-telefon li hu kien jagħmlilha. Dan qed jingħad għaliex il-konvenuta eċċipjenti verament tħossha mweġġa' b'dak li qed jingħad mill-attur u sabiex anke joħroġ fl-apert l-inkwiet kollu li hija għaddejja minnu;*

*7. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, il-ġestjoni tal-'All Saints Bar', kienet saret biss mill-attur u minn Ronald Vella James. Il-konvenuti l-oħra li ġew inklużi f'din il-kawża, preċiżament Carmen James, Rita Briffa u Josette Calleja, li jiġu t-tfal tal-konvenuta Joyce Vella James, qatt ma kellhom x'jaqsmu mal-imsemmija ġestjoni. Jixtieq jiġi sottolineat il-fatt illi l-attur b'mod irresponsabbli spiċċa biex intavola kawża kontra t-tfal tal-konvenuta Joyce Vella James u dan mingħajr ma għamel il-verifiki neċessarji fuq jekk dawn it-tfal setgħux jaċċettaw il-wirt ta' missierhom Ronald Vella James jew le. Apparti dan, wieħed ma jistax ma jsemmix illi l-istess attur ukoll għoġbu jintavola l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 296/2015, u dan b'mod frivolu u vessatorju. Sakemm il-konvenuti eċċipjenti rnexxilhom jottjenu r-revoka ta' dan il-mandat, wieħed jista' jimmaġina x'dannu*

*kkawża lil dawn it-tliet (3) familji tul dan il-perijodu ta' xahar, fejn ħadd minnhom ma kellu aċċess għall-kontijiet bankarji tiegħu.*

8. *Illi subordinament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-atturi ntavolaw mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 296/2015 nhar l-20 ta' Frar tas-sena 2015. In segwitu, il-konvenuti eċċipjenti ippreżentaw rikors nhar l-24 ta' Frar tas-sena 2015 fejn talbu l-Onorabbli Qorti tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Fil-fatt permezz ta' digriet datat is-27 ta' Marzu tas-sena 2015 (kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. A'), l-Onorabbli Qorti hekk kif diversament presjeduta laqgħet it-talbiet tal-konvenuti eċċipjenti u ordnat ir-revoka tal-mandat sub-indikat, bl-ispejjeż kontra l-atturi. B'dan id-digriet, l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Ċivili ċertament kienet konvinta illi l-kriterji prima facie għall-intavolar tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ma ġewx sodisfatti. Bħal ma l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kien infondat fil-fatt u fid-dritt, l-istess japplika għat-talbiet attriċi li ġew imressqa quddiem din l-Onorabbli Qorti fir-rikors promutur. Għalhekk it-talbiet tal-atturi għandhom jiġu respinti fl-intier tagħhom;*

9. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fir-rigward tal-ewwel talba tal-atturi, bħal ma ġie sottolineat aktar 'il fuq, il-konvenuti Joyce Vella James, Rita Briffa, Carmen James u Josette Calleja ċertament ma jistgħux jiġu meqjusa bħala involuti fil-ġestjoni tal-'All Saints Bar' stante li l-ġestjoni kienet saret biss mill-attur u minn Ronald Vella James. Apparti hekk, din il-ġestjoni konġunta kienet saret biss bejn is-sena 1981 u l-aħħar tas-sena 1997, u dan bħalma ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża. Għaldaqstant, din it-talba għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha;*

10. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fir-rigward tat-tieni talba mressqa mill-atturi rikors ġuramentat, l-ewwelnett jixtieq jingħad illi ma kien hemm qatt soċjetà li setgħet tiġi inkorporata mill-attur u minn Ronald Vella James. L-uniku soċjetà li kien hemm kienet ġiet inkorporata mill-attur innifsu xhur wara li Ronald Vella James temm il-ġestjoni tiegħu. Ladarba, soċjetà qatt ma eżistiet bejn l-attur u Ronald Vella James, ċertament m'hemm l-ebda assi li jistgħu jiġu llikwidati u wisq anqas spejjeż relatati ma' xi soċjetà. Għaldaqstant, din it-talba għandha wkoll tiġi miċħuda fl-intier tagħha;*

11. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, fir-rigward tat-tielet talba mressqa mill-atturi, l-ispejjeż li qed jirreferi għalihom l-attur u ammontanti għas-somma ta' sbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin Euro u seba' ċenteżmi (€17,597.07), ġew inkorsi proprju mill-attur innifsu wara li l-ġestjoni bejn l-attur u Ronald Vella James intemmet, u ċioé wara s-sena 1997. Fil-fatt,*

*bħal ma ser jiġi ppruvat permezz ta' dokumentazzjoni ċċertifikata, il-ġestjoni tal-istess stabbiliment kienet ħalliet xi profitti fil-kontijiet bankarji sal-aħħar tas-sena 1997, u li liema profitti kienu għal darba oħra nżammu mill-attur innifsu. Il-konvenuti eċċipjenti ċertament ma jistgħux jinżammu responsabbli għall-ispejjeż li ġew inkorsi wara li din il-ġestjoni ntemmet, u saħansitra li qegħdin jintalbu proprju sbatax-il (17) sena wara, speċjalment in vista tal-fatt ukoll li Ronald Vella James kien ħalla s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000) kif ukoll profitti addizzjonali li nżammu unikament mill-attur propjru f'Diċembru tas-sena 1997. Apparti minn hekk, il-konvenuti eċċipjenti jiddikjaraw ulterjorment li huma m'għandhomx jinżammu responsabbli għall-ispejjeż li ġew akkumulati fil-passat u wisq anqas spejjeż li jistgħu jiġu inkorsi fil-futur. Għaldaqstant, din it-talba għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha.*

12. *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2018, fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

L-atturi istitwew il-kawża odjerna bl-iskop li jirkupraw mingħand il-konvenuti spejjeż marbuta ma' kawżi miftuħa kontra l-attur, u mgħaxijiet fuq flus iddepożitati permezz ta' ċedola fil-Qorti, u dan wara sħubija (*partnership*) fin-

negozju li l-attur jallega li kellu ma' Ronald Vella James, ir-raġel tal-konvenuta Joyce Vella James u missier il-konvenuti l-oħra fil-kawża. Fl-1981, l-attur, flimkien ma' ħuh Benjamin Testa, u Ronald Vella James, kienu ftiehmu li jidħlu bi sħab f'ishma ugwali għall-kirja tal-istabbiliment 'All Saints Bar and Restaurant', fil-Qawra, għalkemm kien biss l-attur li deher fuq il-kuntratt ta' kera f'isem soċjetà bl-isem 'Ramus' li kien hemm il-ħsieb li tiġi ffurmata mill-imsieħba f'dan in-negozju. Sussegwentement l-attur ingħata parir li għal skopijiet ta' taxxa kien ikun aħjar li minflok jiffurmaw kumpannija, l-imsieħba jidħlu fi sħubija ċivili (*partnership*) sabiex jiġġestixxu n-negozju tagħhom, għalkemm huma qatt ma għamlu xi skrittura formali sabiex biha jirregolaw is-sħubija tagħhom jew l-arranġament kummerċjali li kien hemm bejniethom. Benjamin Testa ħareġ min-negozju wara madwar tliet xhur, u minn dakinhar 'il quddiem l-attur jallega li l-profitti ġġenerati min-negozju bdew jinqasmu fis-sehem ta' nofs kull wieħed mill-partijiet. L-attur allega li anki meta twella n-negozju, il-flus tat-twellija nqasmu nofs kull wieħed bejnu u Ronald Vella James, għalkemm l-ewwel tħallsu d-djun u l-kontijiet tan-negozju, u l-qasma bejniethom saret fuq dak li kien baqa'. L-attur allega li tant il-ftehim bejnu u Ronald Vella James kien wieħed ta' sħubija, li dawn saħansitra kienu joperaw bl-istess numru tal-VAT, u kienu jdaħħlu *returns* tal-VAT u tas-CET konġunti bħala sħab. L-attur allega li qabel twella l-istabbiliment li kien jiġġestixxi ma' Vella James, kienu nbdew proċeduri mis-sidien proprji tal-fond, li għal perijodu ta' snin ma kinux aċċettaw il-kera tal-fond, u wara għadd ta' snin il-Qorti kienet iddeċidiet li s-sidien kellhom jedd għall-imgħaxijiet fuq il-kera li kienet ilha snin tiġi ddepożitata b'ċedola fil-Qorti. L-attur allega li meta nbdew il-proċeduri legali, il-koppja Vella James, li t-tnejn kienu jaħdmu fl-istabbiliment 'All Saints Bar and Restaurant', kienu jipparteċipaw b'mod attiv

fl-imsemmija proċeduri legali, iżda wara l-mewt ta' Ronald Vella James kien hemm diżgwid bejn l-attur u oħtu, u din bdiet tallega li bejn l-attur u r-raġel tagħha qatt ma eżistiet sħubija, minħabba li bejniethom qatt ma kien hemm xi skrittura formali li tirregola r-relazzjoni kummerċjali ta' bejniethom. L-attur qal li fi snin riċenti, il-konvenuta avvanzat pretensjonijiet ta' krediti dovuti lilha mill-attur, tant li anki għamlet mandat ta' sekwestru fil-konfront tiegħu, u li dan l-aġir wasslu biex jistitwixxi l-proċeduri odjerni fil-konfront tagħha u ta' wliedha.

Permezz tal-azzjoni tagħhom, l-atturi qegħdin jitlobu li l-Qorti: tiddikjara li l-attur u l-konvenuta u r-raġel tagħha, Joyce u Ronald Vella James, kienu joperaw l-istabbiliment 'All Saints Bar and Restaurant' bi sħab; tiddikjara li qabel infetħet din il-kawża, il-partijiet kienu llikwidaw bonarjament l-assi tas-soċjetà, iżda minkejja dan għadhom qegħdin isiru spejjeż b'rabta ma' kawżi miftuħa kontra l-istess soċjetà; kif ukoll talbu li l-Qorti tordna li l-konvenuti jħallsu s-sehem tagħhom mill-ispejjeż li ġew inkorsi sa issa f'dawn il-kawżi, fl-ammont ta' sbatax-il elf, ħames mija u sebgħa u disgħin Euro u seba' ċenteżmi (€17,597.07), flimkien mal-ħlas minnhom ta' kull spiża oħra li għad trid tiġi likwidata.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom ċaħdu bil-qawwa li qatt eżistiet xi forma ta' sħubija bejn l-attur u Ronald Vella James, tant li qalu li kull aspett tal-ġestjoni tal-istabbiliment kien jitmexxa mill-attur innifsu u lil Ronald Vella James ma kien jinvolvih u jinfurmah b'xejn. Qalu wkoll li minkejja li ripetutament talbu rendikont tal-ġestjoni tal-attur, din qatt ma ngħatatilhom, u li saħansitra meta nkera l-istabbiliment inkwistjoni, l-attur kien deher waħdu fuq il-kuntratt flimkien mas-sidien tal-post. Qalu li tant l-attur kien jagħmel kollox waħdu, li

lilhom irriżultalhom li fis-sena 1993 l-attur approva jixtri l-istabbiliment inkwistjoni waħdu, u li kien ipprova juża l-flus dovuti għall-ħlas tal-kera, bħala ħlas tad-depożitu għax-xiri tal-fond. Il-konvenuti qalu li sakemm Ronald u Joyce Vella James qatgħu kull konnessjoni li huma seta' kellhom mal-'All Saints Bar and Restaurant', huma ma ħallewx proċeduri legali jew djun pendenti, u li Ronald Vella James kien saħansitra ħalla s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000) fil-kontijiet bankarji tal-attur sabiex dan seta' jħallas l-ispejjeż tal-kera li kien hemm pendenti b'rabta mal-kirja sa Diċembru tal-1997. Il-konvenuti eċċepew li minkejja dan kollu, l-ammont pretiż mill-attur fil-konfront tagħhom issa huwa preskritt, u dan in vista tal-fatt li għaddew numru konsiderevoli ta' snin minn meta l-kirja tal-istabbiliment 'All Saints' ġiet itterminata u l-ħanut twella lil terzi. Qalu wkoll li ladarba l-kuntratt ta' kera ġie ffirmat mill-attur waħdu, u huma qatt ma ġew involuti fil-ġestjoni jew fl-amministrazzjoni tal-imsemmi stabbiliment, huma m'għandhomx jagħmlu tajjeb għal dawn l-ispejjeż. Il-konvenuti eċċepew li wara kollox il-kawżi saru kontra l-attur f'ismu personali, u li huma qatt ma ssejħu jew b'xi mod ġew involuti f'dawn l-istess kawżi. Il-konvenuti ssollevaw ukoll il-punt li minkejja li l-attur ipproċeda kontrihom, dan ma jafx jekk fil-verità huma aċċettawx il-wirt ta' missierhom li ġie nieqes fl-2003.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Flimkien mar-rikors promutur imressaq minnu, l-attur ippreżenta kopja tal-kuntratt lokatizju[1] ffirmat quddiem in-nutar George Cassar fit-2 ta' Lulju, 1981, bejn Joseph Fenech min-naħa l-waħda, u min-naħa l-oħra Alfred Testa f'isem u

[1] *A fol.* 7 tal-proċess.

għan-nom tas-soċjetà 'Ramus', li permezz tiegħu l-attur f'din il-kawża rċieva b'titolu ta' kera l-fond mingħajr numru uffiċjali, bl-isem 'All Saints Bar and Restaurant', f'Qawra Road, Salina Bay, Qawra, għal perijodu ta' tmien snin *di fermo* u tmien snin *di rispetto*. Ġiet ippreżentata wkoll kopja tas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Beatrice Fenech et *vs.* Alfred Testa et**[2], fejn l-atturi talbu l-iżgumbrament tal-konvenuti f'dik il-kawża Alfred u Sylvana Testa mill-fond bl-isem 'All Saints Bar & Restaurant', Qawra Road, il-Qawra, *stante* li skont huma dawn kienu qegħdin jokkupaw l-imsemmi fond mingħajr ebda titolu fil-liġi, u dan wara li l-kirja konċessa lill-konvenuti fit-2 ta' Lulju, 1981 intemmet. F'din il-kawża l-konvenuti Testa kienu qajmu l-eċċezzjoni li huma ma kinux leġittimi kontradittturi *stante* li l-kirja saret f'isem soċjetà kummerċjali, liema eċċezzjoni iżda ġiet miċħuda. Il-Qorti madanakollu ċaħdet it-talbiet tal-atturi wara li ddeċidiet li l-konvenuti Testa kellhom titolu għall-fond imsemmi.

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Beatrice Fenech et *vs.* Alfred Testa et**[3], fejn l-atturi f'dik il-kawża għamlu riferiment għall-kera dovuta mill-konvenuti għall-kiri tal-istabbiliment bl-isem 'All Saints Bar & Restaurant', għall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju, 1993 u t-30 ta' Ġunju, 1997, liema kera kienet tammonta għal LM17,108, u għall-fatt li l-kera ma kinitx tħallset skont it-termini miftiehma. Permezz ta' dik l-azzjoni, l-atturi talbu mhux biss kundanna tal-konvenuti għall-ħlas tal-kera dovuta minnhom, iżda wkoll għall-ħlas tal-imgħaxijiet skont il-liġi. Mill-kopja ta' din is-sentenza esebita mill-attur innifsu, jirriżulta li l-attur kien għamel depożitu fil-Qorti ta' parti mill-ammont ta' kera dovut, u li f'xi żmien hu kien offra li jixtri l-post u li l-kera dovuta sa dak iż-żmien tkun tagħmel parti mid-depożitu tal-prezz offrut

[2] P.A., 31.05.2005, Rikors Maħluf Nru 577/98JRM, *a fol.* 12 tal-proċess.
[3] P.A., 31.05.2005, Rikors Maħluf Nru 963/98JRM, *a fol.* 23 tal-proċess.

għax-xiri tal-istess stabbiliment. F'dak il-każ partikolari, il-Qorti laqgħet it-talba tal-atturi, u kkundannat lill-konjugi Testa jħallsu s-somma ta' erbatax-il elf, sitt mija u għoxrin Lira Maltin (LM14,620) rappreżentanti arretrati ta' kera tal-istabbiliment 'All Saints Bar & Restaurant' għall-perijodu bejn l-1 ta' Lulju, 1993 sat-30 ta' Ġunju, 1997, flimkien mas-somma ta' elfejn, erba' mija u tmienja u tmenin Lira Maltin (LM2,488) rappreżentanti l-imgħax legali fuq l-imsemmija skadenzi minn dakinhar li kellhom jitħallsu sat-30 ta' Ġunju, 1997. L-atturi esebew ukoll kopja tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Beatrice Fenech et *vs.* Alfred Testa et**[4], fejn il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell imressaq mill-atturi f'dik il-kawża, u kkonfermat is-sentenza tal-ewwel Qorti, li l-kirja inkwistjoni ma kinitx tal-avvjament iżda ta' fond kummerċjali, u li għalhekk il-konvenuti ma setgħux jiġu żgumbrati mill-fond mikri lilhom.

L-atturi ppreżentaw ukoll kopja tad-deċiżjoni fl-ismijiet **Beatrice Fenech et *vs.* Alfred Testa et**[5], u dan wara li ġie maħruġ mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1437/05 kontra Alfred Testa u martu mis-sidien tal-istabbiliment inkwistjoni, liema mandat ta' sekwestru l-konjugi Testa dehrilhom li kien għal ammont eċċessiv. Fil-fatt il-Qorti ddeċidiet li kellha tilqa' t-talba tal-konjugi Testa *in parte* billi tirrevoka l-mandat ta' sekwestru maħruġ kontra l-konjugi Testa, u dana limitatament għas-somma komplessiva ta' €30,027.63 (ekwivalenti għal LM12,890.86).

Il-konvenuti min-naħa tagħhom esebew kopja tad-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Marzu, 2015 in konnessjoni mar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 296/2015 li sar mill-atturi fil-konfront tal-

---

[4] Q.A., 01.02.2008, *a fol.* 32 tal-proċess , Rikors Maħluf Nru. 577/98JRM.
[5] P.A., 19.01.2010, *a fol.* 47 tal-proċess, Rikors Nru. 1010/05 LFS.

konvenuti f'din il-kawża[6], fejn il-Qorti laqgħet it-talba tal-konvenuti għar-revoka tal-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju li sar kontrihom mill-konjugi Testa.

Fl-udjenza tal-5 ta' Ottubru, 2015, xehed **Paul Scicluna**[7], rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, li esebixxa kopja ta' denunzji sottomessi minn Alfred Testa għall-perijodu mill-1995 sas-sena 2006 fir-rigward tal-VAT u tas-CET. Fl-istess udjenza xehed ukoll **John Micallef,** rappreżentant tad-Dipartiment tat-Taxxi[8], li esebixxa kopji tad-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tal-attur Alfred Testa flimkien mal-*profit and loss account* għas-snin bażi 1981, 1982, 1983, 1990, 1996, u 1997. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta li Alfred Testa kien irreġistrat mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni bħala persuna li taħdem waħedha, u li dawn il-formuli dejjem imtlew f'ismu personalment. Mill-kopji tal-*profit and loss account* esebit fl-atti, jirriżulta li fis-snin 1981 u 1982, il-profitti nqasmu bejn Bernard Testa, Alfred Testa u Ronald James fl-ammonti dikjarati[9], filwaqt li mis-sena 1983 bdew jidhru biss Alfred Testa u Ronald Vella James fuq l-*accounts* ippreżentati.

Fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2015 xehed **Roderick Sultana,** Spettur fid-Dipartiment tal-VAT[10], li ppreżenta kopja tad-dokumenti kollha rigward ir-reġistrazzjoni tal-VAT li Alfred Testa kien ippreżenta lid-Dipartiment meta applika għar-reġistrazzjoni tal-VAT l-ewwel darba. Ix-xhud spjega li fl-applikazzjoni hemm indikat ukoll isem Ronald Vella James bħala imsieħeb fin-negozju ma' Alfred Testa. Ix-xhud qal li d-Dipartiment kien irċieva wkoll

[6] *A fol.* 74 *et seq.* tal-proċess.
[7] *A fol.* 96 tal-proċess.
[8] A fol. 117 *et seq.* tal-proċess.
[9] *A fol.* 122 *et seq.* tal-proċess.
[10] *A fol.* 170 tal-proċess.

applikazzjoni mingħand Alfred Testa biex ineħħi r-reġistrazzjoni tal-VAT li hu kellu, b'effett mill-31 ta' Marzu, 1998. Ix-xhud ikkonferma li d-dokumenti li ġew ippreżentati fid-Dipartiment kienu ffirmati minn Alfred Testa, li identifika ruħu bħala *manager* tal-istabbiliment inkwistjoni.

Fl-udjenza tas-16 ta' Diċembru, 2015 xehdet il-konvenuta **Maria Carmen James**[11], li qalet li hi għamlet żmien taħdem bħala *waitress* fl-istabbiliment bl-isem 'All Saints Bar and Restaurant'. Ix-xhud qalet li anki ħutha ġieli ħadmu hemm biex jgħinu lill-ġenituri tagħhom u missierha kien jieħu ħsieb il-bar filwaqt li ommhom kienet taħdem fil-kċina. Ix-xhud qalet li hi ġieli kienet tkun preżenti għal laqgħat ma' Alfred Testa dwar it-tmexxija ta' dan l-istabbiliment, minkejja li ma setgħetx tiftakar id-dettalji ta' dak li ġie diskuss. Qalet biss li fis-sena 1997, l-attur kien qal lilha u lil ħutha li huma ma kellhomx x'jaqsmu aktar mal-istabbiliment inkwistjoni.

Fl-udjenza tal-24 ta' Frar, 2016 reġa' xehed **Paul Scicluna**[12], mid-Dipartiment tal-VAT, li ppreżenta żewġ dokumenti, fosthom l-ewwel u l-aħħar denunzja ppreżentati minn Alfred Testa.

Fl-istess udjenza reġgħet xehdet **Maria Carmen James**[13], li ppreżentat kopja ta' dokumenti li kienet għamlet riferiment għalihom fix-xhieda tagħha fl-udjenza preċedenti, konsistenti f'*balance sheet* għas-sena 1997, li hi tallega li kienet ingħatat lilha u lil ħutha mill-attur meta dan qalilhom li huma ma kellhomx x'jaqsmu aktar mat-tmexxija tal-istabbiliment bl-isem 'All Saints Bar and Restaurant'. Ix-xhud ippreżentat ukoll kopji ta' *balance sheets* għas-snin

[11] *A fol.* 179 tal-proċess.
[12] *A fol.* 183 tal-proċess.
[13] *A fol.* 188 tal-proċess.

preċedenti li jindikaw li l-persuni involuti fil-ġestjoni tal-'All Saints Bar and Restaurant'.[14]

Il-konvenuta **Maria Carmen James** reġgħet xehdet fl-udjenza tat-8 ta' April, 2016[15], b'riferiment għad-dokumentazzjoni ppreżentata minnha fl-udjenza ta' qabel konsistenti f'*returns* tat-taxxa, *profit and loss accounts* tal-istabbiliment inkwistjoni, u li kollha jirreferu għaż-żmien meta missierha kien sħab fin-negozju mal-attur Alfred Testa. Ix-xhud ikkonfermat li l-werrieta ta' missierha, id-defunt Ronald Vella James huma hi, ħutha u ommha, u qalet li meta ġie mwilli l-istabbiliment inkwistjoni, missierha ma kienx ingħata rigal tal-post. Ix-xhud qalet li Alfred Testa qatt ma tahom rendikont tal-ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000) li ħallielu missierha, u minkejja li huma talbu dokumentazzjoni mingħandu dwar x'sar minn dawn il-flus, l-attur irrifjuta li jtihielhom. Ix-xhud qalet li d-dokumenti esebiti minnha kien tahomlha Alfred Testa kollha flimkien.

Fl-udjenza tat-13 ta' Mejju, 2016 xehdet il-konvenuta **Joyce Vella James**[16], li qalet li r-raġel tagħha Ronald Vella James, kien fin-negozju ma' missierha fis-snin qabel miet. Kompliet tispeċifika li missierha kellu negozju tal-ħwejjeġ. Mistoqsija dwar l-involviment tagħha u ta' żewġha fit-tmexxija tal-'All Saints Bar and Restaurant', ix-xhud qalet li hi ma kellhiex x'taqsam fit-tmexxija, u li hi kienet tmur tgħin mingħajr ħlas, filwaqt li żewġha kien lavrant. Qalet li mill-bqija kien jagħmel kollox ħuha. Minkejja dan, b'riferiment għall-*profit and loss accounts* esebiti, il-konvenuta qalet li kien hemm drabi fejn hi u żewġha ħadu xi ħaġa żejda aktar mill-paga. Għall-mistoqsija tal-Qorti dwar ir-raġuni għalfejn

[14] *A fol.* 192 *et seq.* tal-proċess.
[15] *A fol.* 203 tal-proċess.
[16] *A fol.* 207 tal-proċess.

kienet tagħmel xogħol bla ħlas meta r-raġel tagħha kien sempliċiment lavrant, il-konvenuta qalet li la hi u lanqas uliedha ma kienu jitħallsu. Qalet li kien hemm drabi fejn uliedha ħadmu ġranet fl-istabbiliment ta' ħuha. Kompliet tgħid li kien hemm persuna oħra impjegata fl-istabbiliment, lavranta, li kienet titħallas il-paga minima, imma ħadd minn uliedha ma tħallas tax-xogħol li kien jagħmel fil-bar. Mistoqsija dwar min kien jipprepara d-dokumentazzjoni għad-Dipartiment tat-Taxxa rigward in-negozju ta' ħuha, il-konvenuta wieġbet li ma tafx, għalkemm qalet li l-*accountant* kien l-istess wieħed li kien jaħdem bih missierha. Joyce Vella James kompliet tgħid li minkejja li żewġha kien lavrant, il-paga li kien jirċievi kienet titla' u tinżel skont l-istaġun. Qalet ukoll li meta kienu jmorru persuni jagħmlu kunsinna tal-oġġetti meħtieġa biex jitmexxa stabbiliment bħal dak, kienet tkun hi li tiffirma l-karti tal-kunsinna, iżda ċ-ċekkijiet għall-ħlas kien joħroġhom ħuha. Il-konvenuta qalet li hi qatt ma kienet involuta f'ordnijiet ta' stokk meħtieġ jew fid-deċiżjonijiet dwar mingħand min għandhom jinxtraw l-affarijiet. Ix-xhud qalet li r-raġel tagħha kien jaħdem l-istess sigħat li kienet taħdem hi, mill-għaxra ta' filgħodu sas-sagħtejn tal-għada fil-għodu. Kompliet tgħid li meta l-ħanut twella, il-ħlas tar-rigal għat-twellija kellu jinqasam bejn l-attur u żewġha nofs bin-nofs, għalkemm ma setgħetx tikkonferma dan il-ftehim meta sar. Setgħet tikkonferma biss li ħuha, l-attur, kien wiegħedhom li meta jwelli l-ħanut, hu kien dispost li jaqsam ir-rigal magħha u ma' żewġha. Il-konvenuta kompliet tgħid li hi ma tafx meta rriżulta li kien hemm kontijiet mhux imħallsa fir-rigward tan-negozju, u dan minħabba li hi u żewġha kienu jħallu t-tmexxija tan-negozju f'idejn ħuha. Vella James qalet li ma tafx jekk meta ħuha qalilhom li ser jaqsmu r-rigal, kienx qalilhom ukoll li l-ewwel kellhom jitħallsu l-kontijiet tan-negozju minn dawk il-flejjes qabel xi ħadd mill-partijiet ikun jista' jieħu xi

ħaġa. Il-konvenuta qalet li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-ħanut kienu jitħallsu, u l-ħlas ta' kontijiet kienet fdat f'idejn ħuha, li ma kien jagħti l-ebda sodisfazzjon la lilha u lanqas lil żewġha, tant li hi, żewġha u wliedha saru jafu bl-ammonti mħallsa f'kontijiet tad-dawl u l-ilma wara li saret it-twellija tal-ħanut. Murija d-dokumenti f'*fol.* 193 sa 199 tal-proċess[17], ix-xhud qalet li l-firem fuq dawk id-dokumenti mhumiex ta' żewġha u li dan ma kienx jiffirma b'dak il-mod.

Fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2016 xehed **Carmel Giordimaina**[18], in rappreżentanza tas-soċjetà bl-isem 'All Saints Company Limited', li qal li hu ħa n-negozju mingħand l-attur, flimkien ma' persuna oħra, ċertu William Micallef, għalkemm dan tal-aħħar ma baqax involut fin-negozju. Qal li meta hu u Micallef innegozjaw biex jibdew joperaw l-istabbiliment inkwistjoni, huma nnegozjaw ma' Alfred Testa u ma' Ronnie Vella James, u t-tnejn li huma ħadu interess fin-negozjati, partikolarment dwar il-prezz tat-twellija tal-istabbiliment. Ix-xhud qal li hu ħa t-tmexxija tan-negozju fl-1 ta' April, 1998, u Testa u Vella James tawh iċ-ċwievet f'dik l-istess ġurnata. Qal li sa ġurnata qabel dan l-istabbiliment kien għadu qiegħed jitmexxa minn Testa u Vella James flimkien. Ix-xhud qal li fid-drabi li hu żar l-istabbiliment qabel iddeċieda li jidħol għall-ġestjoni tiegħu, fil-ħanut hu kien jara kemm lil Ronnie Vella James kif ukoll lil Alfred Testa. Qal li lil Vella James kien jarah dejjem wara l-bar, u l-ħlasijiet kien jeħodhom huwa wkoll. Fil-ġranet li fihom Vella James ma kienx ikun hu wara l-bar, kien ikun hemm l-attur. Qal ukoll li l-prezz tat-twellija kien jammonta għal ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), u li dan l-ammont kien jinkludi l-prezz tal-affarijiet li kien hemm fil-post ukoll, bħall-

[17] *Profit and loss accounts* tal-istabbiliment 'All Saints Bar & Restaurant'.
[18] *A fol.* 219 tal-proċess.

għamara. Waqt il-kontroeżami tax-xhud, sarlu riferiment għall-fatt li Ronald Vella James kien waqaf imur fl-istabbiliment inkwistjoni fl-aħħar ta' Diċembru tas-sena 1997, imma x-xhud wieġeb li hu ma jafx meta Vella James waqaf imur il-ħanut, iżda li hu jista' jgħid li hu kien rah hemm sa ġurnata qabel. Ix-xhud ikkonferma li l-kuntratt tat-twellija ma ġiex iffirmat minn Vella James iżda mill-attur waħdu. Qal ukoll li l-prezz tat-twellija, il-ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), hu kien għaddiehom lill-attur.

Permezz ta' nota[19] l-attur ippreżenta kopja ta' ftehim bid-data tas-27 ta' Marzu, 1998, li kien ġie ffirmat bejn Alfred Testa min-naħa l-waħda, u All Saints Company Limited, soċjetà fi stadju ta' formazzjoni, li kienet rappreżentata minn William Micallef u minn Carmel Giordmaina, fir-rigward tat-twellija tal-istabbiliment bl-isem 'All Saints Bar & Restaurant', Qawra Road, Salina Bay, Qawra.

L-attur **Alfred Testa** xehed bil-mezz tal-*affidavit*[20], fejn qal li n-negozju inkwistjoni kien beda fl-1 ta' Lulju, 1981, meta hu u ħuh Benjamin u Ronald Vella James kienu ftiehmu li jieħdu bi sħab il-*bar and restaurant* bl-isem 'All Saints', f'Qawra Road, il-Qawra, għalkemm ħuh Benjamin kien ħareġ min-negozju wara ftit taż-żmien. Qal li għall-bidu l-partijiet kellhom l-intenzjoni li jiffurmaw kumpannija, tant li l-kuntratt lokatizju ġie ffirmat f'isem 'Ramus Ltd.', madanakollu fuq parir tal-*accountant* Anthony Cassar, huma kienu ddeċidew li jmorru għal ftehim ta' sħubija, għalkemm bejniethom qatt ma kien sar ftehim ta' sħubija. L-attur qal li eventwalment in-negozju twella lil terzi. Qal ukoll li s-sidien tal-istabbiliment, sa minn qabel it-twellija, kienu

[19] *A fol.* 228 tal-proċess.
[20] *A fol.* 234 tal-proċess.

bdew jirrifjutaw il-ħlasijiet tal-kera, u sussegwentement iddeċidew li ma jaċċettawx it-twellija li saret. L-attur qal li dan wassal għall-ftuħ ta' diversi kawżi. Qal li waqt li kien qiegħed jiġi operat l-'All Saints Bar', Joyce Vella James kienet taħdem hemm, u li din kienet tagħmel xogħol fil-kċina kif ukoll xogħol ta' tindif, waqt li r-raġel tagħha Ronald kien jaħdem fil-bar. Anki t-tfal tagħhom ġieli ħadmu hemm. L-attur kompla jgħid li hu kien jieħu ħsieb jagħmel l-ordnijiet tal-istokk, u kien jaħdem kemm fil-bar, fil-kċina, u anki fir-*restaurant,* u dan minkejja li fl-istess żmien kien anki jmexxi negozji oħra. Qal li huma kienu jieħdu paga tax-xogħol li jagħmlu, filwaqt li fl-aħħar tas-sena kienu jaqsmu l-profitti. Testa qal li kien hemm drabi meta x-xogħol kien batut, u kien joħroġ il-kera hu jew ma jiħux paga, u dan minħabba li oħtu u żewġha ma kellhom l-ebda introjtu ieħor. L-attur kompla jgħid li anke meta l-istabbiliment twella f'Marzu tal-1998, il-flus tat-twellija nqasmu bejniethom, għalkemm minn dawn kellhom jitnaqqsu l-flus tal-kera dovuta, u kellhom jitħallsu xi *suppliers* tan-negozju u jsir il-ħlas ta' kontijiet li kien hemm pendenti. Kompla jispjega li l-konvenuta Joyce Vella James u r-raġel tagħha baqgħu jmorru jaħdmu fl-istabbiliment sal-aħħar ġurnata li dan ġie operat minnu, fl-aħħar ta' Marzu tal-1998, meta kienu organizzaw *party* tal-aħħar għall-klijenti regolari tagħhom. L-attur qal li wara li hu wella l-istabbiliment, oħtu u r-raġel tagħha ħarġu bil-pensjoni, filwaqt li hu baqa' jsegwi l-kawżi waħdu, mingħajr ma qatt talabhom joħorġu sehemhom mill-ispejjeż legali li kienu qegħdin isiru, l-aktar minħabba li kien konxju li dawn kienu qegħdin jgħixu bil-pensjoni. Qal li l-konvenuta qatt ma ċaħdet li għad għandha ttih flus għall-kera dovuti minnha, tant li kienet wegħditu li ser tħallsu hekk kif jirtu lill-ġenituri tagħhom. Kompla jgħid kif il-problemi nqalgħu wara li mietet ommhom, u nbiegħet l-ewwel proprjetà tagħha. Qal li hu ppretenda li oħtu

tmur tħallsu wara li rċeviet sehemha minn dan il-bejgħ, iżda waħda minn uliedha kienet iddepożitat dawn il-flus f'isimha, u hu baqa' ma tħallasx. L-attur ikkonkluda billi qal li f'okkażjoni oħra hu ried iħallas lil ħutu ta' self li kienet għamlet ommu u li kien għamel tajjeb għalih hu, imma kien irrifjuta li jħallas lil Joyce Vella James minħabba l-flus li huwa kellu jieħu mingħandha. Qal li kien hemmhekk li Joyce bdiet tallega li s-sħubija li l-partijiet kellhom ma kinitx tgħodd minħabba li ma kienx hemm skrittura formali fir-rigward, u li dan kollu wassal biex jinfetħu l-proċeduri odjerni bejn il-partijiet.

Fl-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2016, xehed **Benjamin Testa**[21], li qal li fis-sena 1981 ħuh Alfred kien innegozja ma' individwu dwar l-'All Saints Bar and Restaurant', u li huma t-tlieta, Benjamin Testa, Alfred Testa, u Ronald Vella James, daħlu għat-tmexxija tiegħu bi sħab. Ix-xhud qal li din is-sħubija ma kinitx regolata bi ftehim bil-miktub, u li hu kulma dam f'dan l-arranġament kien sitt xhur u ddeċieda li ma jkomplix, minħabba li l-partijiet ma bdewx jaqblu bejniethom. Ix-xhud qal li kien biss ħuh Alfred li kien jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-affarijiet tan-negozju. Ix-xhud qal li hu ma setax jiftiehem mal-imsieħba l-oħra fin-negozju minħabba li dawn bdew jippretendu li hu jqatta' sigħat twal jaħdem hemm, u dan meta hu kellu impjieg ieħor. Qal ukoll li hu ma jafx li kienu saru l-*profit and loss accounts,* u li hu qatt ma kien ra karti tal-*accounts.* Ix-xhud qal li biex hu ħareġ mis-sħubija, kien kiteb ittra lill-attur u lir-raġel tal-konvenuta, fejn stipula somma flus li hu ppretenda bħala ħlas għax-xhur li qatta' jaħdem hemm minħabba li qal li kemm dam jaħdem fir-*restaurant* hu qatt ma kien tħallas. Ix-xhud qal li hu kien tħallas permezz ta' *cheque* mingħand ħuh. Qal ukoll li Ronald Vella James kien jaħdem wara l-bar,

[21] *A fol.* 236 tal-proċess.

u minkejja li ma kien hemm l-ebda ftehim bil-miktub fir-rigward, hu kellu f'moħħu li l-qligħ tan-negozju kellu jinqasam bejn tlieta. Qal li l-ħlas li sar lilu kien jirrappreżenta s-sitt xhur paga dovuti lilu għaż-żmien li ħadem fir-*restaurant,* u mhux sehmu mill-qligħ li sar.

Benjamin Testa kompla jixhed fl-udjenza tat-30 ta' Jannar, 2017[22], fejn għamel riferiment għad-dokument *a fol.* 122 tal-proċess li jindika li l-profitti kienu nqasmu bejn Bernard Testa, Alfred Testa u Ronald Vella James, u qal li hu qatt ma kien ra dak id-dokument qabel, u lanqas ma qabel mas-somma indikata bħala s-sehem li mess lilu mill-profitti. Qal ukoll li s-sħubija ta' bejn il-partijiet ma kinitx regolata:

> "Jien ifhem kemm domt hemmhekk la kellna ftehim kemm ħa nieħdu u la kelli ftehim kemm ħadna u la kellna ftehim, jien għalija personali ħa niftiehmu, la naf kemm qlajna la naf kemm tlifna, ma naf xejn. Jien dak iż-żmien ... minn hemm għax rajt l-affarijiet mhux sejrin sewwa, tlaqt minn hekk, tlabt is-somma ta' tliet mija (LM300)..."

Ix-xhud qal li l-uniku arranġament li l-partijiet kellhom bejniethom kien li huma jidħlu jaħdmu fil-ħanut bħala familja, u li jekk ikun hemm qligħ, dan jinqasam bejn kulħadd. Qal li għal-laqgħat mal-*accountant* kien imur biss l-attur, u li hu ma kienx involut fin-negozju li sar dwar il-kuntratt ta' kera tal-ħanut. Qal li hu kien jaf biss li ser isir kuntratt għall-kera tal-ħanut ma' ċertu Joe Fenech, iżda li hu ma kienx jaf dan il-kuntratt x'fih, u lanqas qatt ma rah. Qal li hu ħalla kollox f'idejn ħuh, u li kien jafdah.

[22] *A fol.* 245 tal-proċess.

Fl-udjenza tas-6 ta' Marzu, 2017 xehed **Alfred Attard**[23], li jiġi neputi tal-attur u tal-konvenuta James Vella Joyce, li qal li meta kien iżgħar fl-età kien imur jaħdem fil-ħanut taz-zijiet tiegħu fis-sajf. Qal li hu kien jagħmel li jkun hemm bżonn fil-ħanut, u li f'moħħu dejjem kellu li dak il-post kien taz-zijiet tiegħu, li kien jarahom dejjem flimkien hemmhekk. Qal li Ronald Vella James kien ikun hemm ukoll, daqqa fil-kċina u daqqa wara l-bar, filwaqt li l-attur kien ikun fil-kċina, jew fejn ikun hemm bżonn. Qal ukoll li meta jingħalaq il-ħanut, l-attur, il-konvenuta u r-raġel tagħha kienu jgħoddu l-flus flimkien. Għall-mistoqsijiet in kontroeżami li sarulu, ix-xhud wieġeb li hu ma jafx jekk xi ħadd mill-partijiet kienx jieħu paga tax-xogħol li jagħmel fil-ħanut. Qal ukoll li ma jafx min kien iħallas għall-affarijiet li kienu jiġu kkonsenjati fil-ħanut, jew jekk il-konvenuta jew ir-raġel tagħha ħadux xi ħlas mingħand l-attur meta ma baqgħux jaħdmu fil-ħanut.

Fl-udjenza tas-7 ta' April, 2017 reġa' xehed **Paul Scicluna** in rappreżentanza tad-Dipartiment tal-VAT[24], li ppreżenta kopja ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tal-VAT li għamel Alfred Testa fil-kuntest ta' sħubija bejnu u Ronald Vella James. Ix-xhud ikkonferma wkoll li r-reġistrazzjoni tal-VAT fir-rigward ta' din is-sħubija għall-ġestjoni tal-'All Saints Bar and Restaurant' twaqqfet fl-1998. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta li Ronald Vella James ġie indikat bħala soċju fl-applikazzjonijiet li mtlew għad-Dipartiment tal-VAT.[25]

Permezz ta' nota datata l-4 ta' Lulju, 2017, l-attur Alfred Testa ppreżenta kopja informali tal-*profit and loss account* u tal-*balance sheet* fir-rigward tal-

[23] *A fol.* 253 tal-proċess.
[24] *A fol.* 259 tal-proċess.
[25] *A fol.* 264 tal-proċess.

istabbiliment 'All Saints Bar and Restaurant' għas-sena 1998[26], minn fejn jirriżulta li fis-sena 1998 dan l-istabbiliment għamel telf ta' LM818.30, kopji ta' diversi mandati, taxxi, kontromandati, rikors għal subbasta u rċevuti li juru l-ispejjeż ġudizzjarji u l-ammonti li ħallas l-attur b'rabta mal-kirjiet dovuti sat-30 ta' Ġunju 1997[27], u kopja ta' sentenza tal-Prim'Awla u deċiżjoni wara proċeduri għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fir-rigward tal-pretensjonijiet vantati minn Beatrice Fenech, għall-perijodu bejn Lulju 1997 u April 2011.

Fl-udjenza tal-4 ta' Lulju, 2017 xehed l-attur **Alfred Testa**[28], li esebixxa l-*accounts* tal-istabbiliment inkwistjoni għall-ewwel tliet xhur tas-sena 1998, peress li wara dik id-data l-istabbiliment kien ġie mwelli lil terzi. Qal li l-flus tat-twellija nqasmu bejn l-imsieħba, u dan wara li tnaqqsu xi arretrati ta' kera li kien għad hemm dovuti. L-attur qal li kien baqa' biss madwar elf, ħames mija u sittax-il Lira Maltin (LM1,516) wara li tħallsu l-flus kollha dovuti lil terzi, u li dan l-ammont inqasam bin-nofs bejnu u bejn oħtu. L-attur qal ukoll li l-unika pendenza li kien għad fadal wara li tħallsu dawn il-flejjes, kienu l-imgħaxijiet fuq il-kirjiet li ġew iddepożitati l-Qorti, liema flejjes ħallashom hu waħdu.

Il-konvenuta **Joyce Vella James** xehdet bil-mezz tal-*affidavit*[29], fejn qalet li hi u r-raġel tagħha kienu jaħdmu mal-attur fl-'All Saints Bar and Restaurant' fil-perijodu bejn l-1981 u s-sena 1997. Qalet li hi kienet taħdem fil-kċina tal-istabbiliment minn filgħodu sa tard billejl u li hi qatt ma ħadet paga tax-xogħol li kienet tagħmel. Il-konvenuta Vella James qalet li dan baqa' għaddej sas-sena 1997, meta hi u r-raġel irtiraw mix-xogħol. Kompliet tgħid li fix-xhur u s-snin ta' wara, ħuha qatt ma qal, la lilha u lanqas lir-raġel tagħha, li kellhom ituh xi

[26] *A fol.* 270 tal-proċess.
[27] *A fol.* 274 *et seq.* tal-proċess.
[28] *A fol.* 426 tal-proċess.
[29] *A fol.* 431 tal-proċess.

flus, u kien biss fl-2012 li Alfred Testa kien mar id-dar tagħha u talabha ttih ħmistax-il elf Euro (€15,000). Qalet li dik kienet l-ewwel darba li hi semgħet li hemm kawżi l-Qorti marbuta mal-kera tal-istabbiliment inkwistjoni, u meta għamlet il-verifiki tagħha rriżultalha li dawn il-kawżi nfetħu minn ċerta Beatrice Fenech kontra Alfred u Sylvana Testa, filwaqt li hi u r-raġel tagħha ma kienu jissemmew imkien f'dawn il-kawżi. Kompliet tgħid kif mill-indaġini li għamlet, irriżultalha li Alfred Testa kellu jiddepożita flus il-Qorti marbuta mal-kirjiet tal-istabbiliment u naqas milli jagħmel dan. Kompliet tgħid li sal-mument li fih iddeċidiet li tagħmel il-verifiki tagħha, lilha qatt ma rriżultalha jew kienet infurmata li kien hemm xi kawżi għaddejjin il-Qorti b'rabta mal-kera tal-'All Saints' jew flejjes dovuti fuqu. Il-konvenuta qalet li meta hi u r-raġel tagħha waqfu jaħdmu fl-istabbiliment inkwistjoni fl-1998, ħuha kien wella l-ħanut lil ċertu Charles Giordimaina, li apparti rigal ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000) għat-twellija, kien ħallas ukoll l-ammont ta' sitt elef Lira Maltija (LM6,000) għall-istokk kollu li kien hemm fil-ħanut, għal total ta' wieħed u tletin elf Lira Maltin (LM31,000). Il-konvenuta Vella James qalet li minn dawn il-flus, la hi u lanqas ir-raġel tagħha ma ħadu xejn. Kompliet tgħid li sas-sena 2014, ħuha ma reġax semmielha li kellha ttih xi flus, iżda ġara li fl-2014 l-attur kellu jħallas xi flus li kien issellef mingħand ommu qabel din mietet, u li meta għalaqlu t-terminu tal-ħlas, l-attur kien qal li ma kellux minn fejn iħallas lil ħutu l-flejjes li ssellef mingħand ommu. Il-konvenuta Joyce Vella James qalet ukoll li wieħed mill-aħwa kien issuġġerixxa li l-attur għandu jċedi sehmu mid-dar ta' ommu, sabiex b'hekk jissalda l-kreditu dovut lil ħutu, u Alfred Testa kien qabel li jsir hekk, għalkemm kien għamilha ċara wkoll li s-sehem li kellha titħallas il-konvenuta ma kienx ser itihulha peress li din kellha ttih xi flus b'rabta mal-istabbiliment li kienu jikru. Il-konvenuta qalet li hi

kienet bagħtet risposta ma' ħuha Benjamin li hi ma kienet ser tiffirma u taċċetta r-responsabbilità għall-ħlas ta' flejjes dovuti, u dan minħabba li l-flus li kien qiegħed jitlobha l-attur kienu marbuta ma' kirjiet li hu kien naqas li jħallas, u li qatt ma qal xejn dwarhom lill-konvenuti qabel is-sena 2012. Il-konvenuta xehdet li l-attur baqa' jirrifjuta li jiltaqa' magħha, u f'Jannar tal-2015 l-attur kien iffirma kuntratt ma' ħutha l-oħra fejn kien ċeda s-sehem tiegħu fil-proprjetà ta' ommu, iżda lilha kien ħalliha barra. Joyce Vella James qalet li kien hemmhekk li hi ddeċidiet li tiftaħ proċeduri legali sabiex tassigura l-ħlas tas-sehem dovut lilha mill-wirt ta' ommha fl-intier tiegħu. Qalet ukoll li meta hi għamlet hekk, ħuha kien għamel mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq il-kontijiet bankarji kollha tagħha u tat-tfal tagħha, xi ħaġa li kkawżatilhom inkwiet kbir. Qalet li dan kollu sar fl-isfond tal-fatt li meta hi u r-raġel tagħha waqfu jaħdmu fl-'All Saints Bar and Restaurant', ħuha Alfred Testa kien qalilhom li huma ma kellhom x'jaqsmu ma' xejn aktar. Il-konvenuta kompliet tgħid li hi u wliedha istitwew proċeduri għar-revoka tal-imsemmi mandat ta' sekwestru, u fil-fatt il-Qorti laqgħet it-talba tagħhom u l-mandat tneħħa, u minkejja li l-Qorti ordnat lill-attur iħallas l-ispejjeż marbuta ma' dik il-proċedura, l-attur kien għadu ma ħallas xejn mill-ispejjeż marbuta mat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru. Il-konvenuta qalet ukoll li għas-snin kollha li hi u r-raġel tagħha ħadmu fl-istabbiliment 'All Saints Bar and Restaurant', hi qatt ma ħadet paga, filwaqt li r-raġel tagħha kien jieħu paga ta' bejn għoxrin jew tletin lira Maltin fil-ġimgħa, filwaqt li kien hemm drabi meta ħuha ma kienx itihom lanqas dawn il-flus u kien jgħidilhom li m'hemmx minn fejn iħallas. Il-konvenuta kompliet tgħid li f'dawn is-snin kollha, Alfred Testa kien imur fl-istabbiliment inkwistjoni għall-ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħaxija, u qabel jitlaq kien jiġbor il-flus kollha mill-*cash register.* Qalet li l-attur qatt ma

kien itihom rendikont tal-infiq u tad-dħul tan-negozju, u r-raġel tagħha qatt ma kien sħab ma' Alfred Testa. Il-konvenuta rreferiet għal fatt li skont waħda mid-deċiżjonijiet tal-Qorti li ġew esebiti mill-attur, meta fl-1993 hu pprova jpaċi l-ħlas tal-kera mad-depożitu għax-xiri tal-istabbiliment, l-attur kien wera interess li jakkwista waħdu, u la hi u lanqas ir-raġel tagħha ma kienu jafu b'dan. Il-konvenuta semmiet episodju ieħor meta Alfred Testa kien qalilhom li nefaq ħdax-il elf Lira Maltin (LM11,000) għall-bdil tas-soqfa tal-istess stabbiliment, meta minn waħda mid-deċiżjonijiet tal-Qorti ppreżentati mill-attur irriżulta li fil-fatt kienet Beatrice Fenech li għamlet tajjeb għal din l-ispiża. Joyce Vella James kompliet tgħid li wara li hi u r-raġel tagħha waqfu jaħdmu fl-istabbiliment 'All Saints', ir-raġel tagħha kien marid, u hi lanqas ma setgħet taħdem minħabba li kellha ddur b'żewġha. Dak iż-żmien indunaw ukoll li l-attur lanqas il-bolol għas-snin kollha li ħadmu fl-istabbiliment ma kien ħallsilhom, u għalhekk ma kinux intitolati għall-benefiċċji kollha tal-mard u tal-qgħad. Qalet li dan kollu wassalhom biex jgħaddu minn tbatijiet finanzjarji kbar. Il-konvenuta kompliet tgħid li l-karti ppreżentati mill-attur f'din il-kawża, hi qatt ma kienet rathom qabel, u la hi u lanqas ir-raġel tagħha, u lanqas uliedhom, qatt ma ftiehmu mal-attur dwar il-kawżi tal-kera, u huma saru jafu b'dawn il-kawżi biss fl-2012. Il-konvenuta kompliet tgħid li l-kuntratt ta' kera li ħuha għamel ma' Beatrice Fenech iffirmah hu waħdu, u hi ratu għall-ewwel darba biss meta nfetħet din il-kawża. Il-konvenuta kkonkludiet billi qalet li l-allegazzjonijiet li saru mill-attur rigward inkwiet li hi kellha ma' wliedha minħabba ħlasijiet li hi għamlet lil waħda biss minnhom, huma biss invenzjonijiet.

Il-konvenuta **Maria Carmen James** fl-*affidavit* tagħha[30] qalet li l-ġenituri tagħha kienu waqfu jaħdmu fl-istabbiliment 'All Saints Bar' lejn l-aħħar tas-sena 1997. Hija tiftakar li kien hemm diversi episodji fejn l-attur naqas li jagħti l-paga lil missierha għax-xogħol li dan kien jagħmel fl-istess stabbiliment. Qalet li meta missierha rtira mix-xogħol, hi kienet marret miegħu d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sabiex japplika għall-benefiċċji li kien intitolat għalihom, u kien hemm li skopriet li l-attur lanqas kien ħallas il-bolol kollha li ħadem għalihom missierha. Maria Carmen James qalet li kienu hi u ħutha li għinu lill-ġenituri tagħhom finanzjarjament sabiex dawn setgħu jkomplu għaddejjin b'ħajjithom. Qalet li mhux minnu li r-rigal tat-twellija tal-'All Saints Bar & Restaurant' inqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u kemm hi kif ukoll ħutha għamlu sagrifiċċji kbar biex jgħinu lill-ġenituri tagħhom. Maria Carmen James qalet li mill-*profit and loss account* tas-sena 1998, jirriżulta li Alfred Testa għamel ħlasijiet għal *overdraft* li dan kellu, u li missierha ma kienx jaf biha. Hi kompliet tgħid li tant qatt ma kien hemm sħubija bejn Alfred Testa u missierha, li Alfred Testa qatt ma talab l-approvazzjoni ta' missierha jew ikkonsultah b'xi mod fir-rigward tat-tmexxija tal-istess stabbiliment. Maria Carmen James tgħid li Alfred Testa lanqas rendikont ta' kif qassam il-LM31,000 li ħa għat-twellija tal-ħanut ma kien ta lil missierha. Qalet li missierha qatt ma kellu x'jaqsam mal-*accounts* tal-'All Saints' jew mal-kuntratt ta' kera li Alfred Testa għamel waħdu mas-sidien tal-fond. Hi kkonfermat li l-attur kien jgħaddi jiġbor il-flus mill-*cash register* kull filgħaxija, u rendikont dwar spejjeż u qligħ qatt ma kien jagħti lil ħadd. Kien hemm ukoll ġimgħat fejn l-attur kien jgħid lil missierha li ma kellux minn fejn iħallsu l-paga. Maria Carmen James qalet ukoll li kien biss meta hi u ħutha saru jafu bid-deċiżjonijiet tal-Qorti fir-rigward tal-kera tal-istabbiliment

[30] *A fol.* 436 tal-proċess.

'All Saints', li huma saru jafu li l-attur kien fi trattattivi għax-xiri tal-istess stabbiliment, u kien saħansitra pprova jpaċi l-flus għad-depożitu għax-xiri tal-istess stabbiliment mal-flus tal-kera dovuti minnu. Hi sostniet li minn dan kollu, il-ġenituri tagħha ma kienu jafu b'xejn. Kompliet tgħid li meta missierha u ommha ddeċidew li jieqfu jaħdmu fl-'All Saints', Alfred Testa kien saħansitra qalilhom li huma ma kellhom x'jaqsmu xejn aktar mal-imsemmi ħanut. Qalet li kien biss fl-2012, għadd ta' snin wara li l-ġenituri tagħha waqfu jaħdmu fl-'All Saints Bar', li l-attur talabhom dawn il-ħlasijiet. Maria Carmen James qalet li fl-1995 Alfred Testa kien qal lil missierha li kien ser ikollu bżonn is-somma ta' LM11,646.93 sabiex ikun jista' jibdel is-soqfa tal-istabbiliment, u s-sidien tal-fond kienu disposti jħallsu dan l-ammont mill-kera dovuta lilhom. Madanakollu għadd ta' snin wara, hi skopriet mid-deċiżjonijiet tal-Qorti, li wħud minnhom ġew ippreżentati fl-atti ta' dawn il-proċeduri, li l-ħlas għall-bdil tas-soqfa kien sar mis-sidien tal-fond stess. Ix-xhud kompliet tgħid li l-*profit and loss accounts* sas-sena 1995 kienu juru qligħ, madanakollu l-*accounts* tas-sena 1996 jindikaw djun, li la hi u lanqas il-ġenituri tagħha ma kienu jafu għal xiex kienu saru. Ix-xhud qalet li fl-*accounts* għas-snin 1993 sa 1997, il-kera tal-istabbiliment dejjem ġiet imnaqqsa mill-profitti tal-ħanut, u li wara dan it-tnaqqis kien għad fadal bilanċ ta' LM18,250, liema flus ħadd ma jaf x'sar minnhom. Maria Carmen James qalet li l-ebda wieħed mid-dokumenti ppreżentati mill-attur ma għandu l-firma ta' missierha fuqu, u minkejja li l-attur allega li l-*accounts* saru madwar tliet snin wara l-1998, dan ma setax ikun minħabba li l-*accountant* Anthony Cassar ġie nieqes f'Lulju tal-1998. Maria Carmen James ikkonfermat li l-attur kien issellef xi flus mingħand ommu bil-patt li dawn il-flus jitħallsu lura lil ħutu fi żmien sentejn mill-mewt ta' ommhom. Qalet li meta Alfred Testa ġie avviċinat biex iħallas dawn il-flus

dovuti lil ħutu, hu kien irrifjuta li jħallas sehem Joyce Vella James, u li kien hemmhekk li hu beda jinsisti li din tmur miegħu għand nutar sabiex tiffirma skrittura li hija debitriċi tiegħu. Maria Carmen James ikkonfermat li kien wara li ommha kienet bdiet proċeduri legali kontra ħuha l-attur, li dan fetaħ il-proċeduri odjerni kontra l-konvenuti kollha, u kien ukoll intavola mandat ta' sekwestru li jolqot il-kontijiet bankarji tagħhom kollha. Qalet ukoll li minkejja li Alfred Testa ġie ordnat iħallas l-ispejjeż legali b'rabta mat-tneħħija tal-mandat ta' sekwestru inkwistjoni, huwa baqa' jirrifjuta li jagħmel dan. Hi kompliet tgħid li hi, ħutha u ommha ma kinux jafu bl-ispejjeż li l-attur allega li għamel, tant li ħadd minnhom ma kien involut f'dawk il-kawżi, u lanqas ma ġew imsejħa sabiex jiddefendu l-pożizzjoni tagħhom f'dawk il-kawżi. Hija kkonkludiet ix-xhieda tagħha billi qalet li hi qatt ma kellha xi tgħid ma' ħutha, u hi u ħutha dejjem għenu lil xulxin fejn setgħu, kuntrarjament għal dak li ġie allegat mill-attur.

Il-konvenuta **Rita Briffa** fl-*affidavit* tagħha[31] qalet li hi personalment qatt ma kellha x'taqsam mal-ġestjoni jew kellha xi tip ta' konnessjoni mal-'All Saints Bar and Restaurant'. Qalet li fis-sena 1981, il-ġenituri tagħha kienu bdew jaħdmu ma' Alfred Testa fl-imsemmi ħanut, u minkejja li t-tnejn li huma kienu jagħmlu sigħat twal fl-imsemmi stabbiliment, ommha qatt ma rċeviet paga tax-xogħol li kienet tagħmel. Rita Briffa qalet li missierha Ronald Vella James ġie nieqes fl-2003, u sas-sena 2012 la hi u lanqas ommha jew ħutha ma kienu semgħu xejn mingħand Alfred Testa dwar xi flejjes dovuti minnhom. Kompliet tgħid li jum fost l-oħrajn fl-2012, Alfred Testa kien mar għand ommha u qalilha li kellha ttih is-somma ta' €15,000, b'rabta ma' spejjeż ta' kawżi l-Qorti, li jekk

[31] *A fol.* 440 tal-proċess.

riedet setgħet tara minn fuq l-internet. Rita Briffa kompliet tgħid li mill-indaġni li għamlu hi u ħutha fir-rigward ta' dawn il-kawżi, saru jafu li isem il-konvenuti jew il-ġenituri tagħhom ma jidher imkien f'dawn il-kawżi, u li huma qatt ma kienu preżenti għas-smigħ tagħhom. Briffa kompliet tgħid li bejn l-2012 u Ottubru 2014, Alfred Testa qatt ma reġa' semma' xejn dwar flus allegatament dovuti lilu mill-konvenuti. Iżda f'ċertu żmien Alfred Testa kellu jħallas lil ħutu somma flus li huwa kien issellef mingħand ommu, iżda kien irrifjuta li jħallas is-sehem dovut lil Joyce Vella James, u f'dak iż-żmien kien saħansitra talabha tmur miegħu għand nutar sabiex tikkonferma li hija kellha ttih xi flus. Rita Briffa kompliet tgħid li meta ommha rat li ħuha baqa' jirrifjuta li jħallasha s-sehem dovut lilha, din kienet fetħet proċeduri legali kontrih. Kien hawnhekk li l-attur ipproċeda kontra l-konvenuti b'din il-kawża u b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront tal-konvenuti kollha, liema mandat sussegwentement kien ġie revokat. Il-konvenuta Rita Briffa qalet li sakemm dan il-mandat kien fis-seħħ, kemm hi kif ukoll ħutha u ommha kellhom diffikultajiet kbar, u minkejja li Alfred Testa ġie ordnat iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri marbuta mar-revoka, sal-lum hu għadu ma ħallas xejn minn dak dovut minnu. B'riferiment għad-dokumenti ppreżentati mill-attur fl-atti ta' din il-kawża, il-konvenuta Rita Briffa qalet li l-ebda wieħed minn dawk id-dokumenti m'għandu fuqu l-firma ta' missierha, Ronald Vella James. Hija kkonfermat ukoll li kien hemm diversi okkażjonijiet fejn missierha lanqas il-paga dovuta lilu ma kien jitħallas, tant li hi u ħutha kienu jgħinu lill-ġenituri tagħhom finanzjarjament. Tgħid ukoll li wara li missierha waqaf mix-xogħol u ġie biex jirtira, kien induna li l-attur lanqas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali ma kien iħallaslu. B'riferiment għall-flus tat-twellija mħallsa minn

Charles Giordmaina, Rita Briffa qalet li missierha ma messu xejn minn dawk il-flus.

Il-konvenuta **Josette Calleja**, bint Joyce Vella James fl-*affidavit* tagħha[32] qalet li bejn l-1981 u l-1987 hija kienet taħdem fil-fabbrika tal-attur, kif ukoll ġewwa l-istabbiliment 'All Saints Bar and Restaurant'. Meta waqfet mix-xogħol fil-bar, sal-2015 hija kienet baqgħet taħdem mal-attur fil-fabbrika tiegħu. Qalet li f'dan iż-żmien kollu, l-attur qatt ma qalilha li l-ġenituri tagħha kellhom ituh xi flus b'rabta mal-kera tal-istabbiliment 'All Saints Bar & Restaurant'. Qalet li fi Frar tas-sena 2015, hija kienet marret il-bank tiġbed xi flus, u kien dakinhar li hija saret taf li kien sar mandat ta' sekwestru minn Alfred Testa kontra tagħha. Il-konvenuta Josette Calleja qalet li dan l-aġir lilha xxokkjaha ħafna speċjalment minħabba fir-relazzjoni tajba li hi kellha ma' zijuha, tant li kien hemm żmien fejn kienet tgħinu anki bl-affarijiet tal-familja tiegħu meta kellu l-mara ma tiflaħx. Calleja ikkonfermat li l-mandat inkwistjoni ġie rrevokat, u minkejja li l-Qorti kienet orndat lill-attur iħallas l-ispejjeż marbuta mal-proċedura tar-revoka, dan baqa' ma ħallas xejn. Hija kkonfermat li kien fis-sena 2012 li Alfred Testa talab lil ommha ħlas fl-ammont ta' ħmistax-il elf Euro (€15,000) b'rabta ma' kawżi dwar kirjiet li kienu dovuta fir-rigward tal-istabbiliment 'All Saints Bar and Restaurant'. Qalet li meta għamlu l-verifiki tagħhom, il-konvenuti kienu rrealizzaw li huma ma kinux parti minn dawn il-kawżi, li fil-biċċa l-kbira tagħhom saru minn Beatrice Fenech kontra Alfred u Sylvana Testa. Il-konvenuta Josette Calleja kkonfermat dak li qalu ħutha, li sas-sena 2014 l-attur ma reġa' semma' xejn dwar flejjes allegatament dovuti lilu minn ommha, sakemm dan kellu jħallas lura lil ħutu flejjes li hu kien issellef mingħand ommu, u kien ippretenda li s-sehem dovut lil Joyce Vella James ma

[32] *A fol.* 443 tal-proċess.

jħallsux, sabiex b'hekk jissalda l-pretensjoni tiegħu kontra tagħha. Qalet ukoll li jum fost l-oħrajn kien kellimha t-tifel tal-attur, Jean Paul Testa, u kien qalilha li missieru kien dispost iħallas lil ommha t-tmint elef Euro (€8,000), ċjoé is-sehem ta' Joyce Vella James mis-self li kienet għamlet ommha lill-attur, bil-kundizzjoni li din tmur għand nutar mal-attur u tikkonferma li hija ser tagħmel tajjeb għal sehemha mill-ispejjeż tal-kawżi li kien involut fihom l-attur. Calleja kkonfermat li l-uniku dokument mogħti lilha u lil ħutha fir-rigward tal-ġestjoni tal-'All Saints Bar' kienet kopja tal-*profit and loss account* tal-1997, liema dokument l-attur kien tahulhom sentejn wara. Qalet li l-firma ta' missierha ma tidher imkien fuq dan id-dokument, u li kien dejjem Alfred Testa li mexxa waħdu l-affarijiet marbuta mal-'All Saints Bar', filwaqt li kien hu biss li kellu l-kontroll tal-flus u l-amministrazzjoni tal-istess stabbiliment. Josette Calleja kkonfermat dak li qalu ħutha li kien hemm drabi meta missierhom ma rċeviex il-paga tax-xogħol li kien jagħmel, kif ukoll li ommhom qatt ma tħallset għax-xogħol li kienet tagħmel fl-istess bar. Hi kkonfermat ukoll li l-attur kien imur fil-bar filgħaxijiet sabiex jiġbor il-flus li jkun hemm fil-*cash register,* u mhux biex jgħin lill-ġenituri tagħha.

Il-konvenuti permezz ta' nota esebew sensiela ta' dokumenti, fosthom kopja legali tat-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-attur fil-proċeduri fl-ismijiet **Joyce Vella James *vs.* Alfred Testa** (40/2015 FDP)[33], vera kopja tal-passaport

[33] *A fol.* 449 *et seq.* tal-proċess. Minn din ix-xhieda jirriżulta li l-flus li l-attur allegatament issellef mingħand ommu, hu kien investihom ma' xi ħadd li wiegħed rata ta' imgħax ogħla minn dik ta' istituzzjonijiet finanzjarji, u sussegwentement dan kien ħarab minn Malta. Sabiex jispjega minn fejn nibtet il-pretensjoni li hu qiegħed jivvanta fil-konfront ta' oħtu, il-konvenuta, l-attur fix-xhieda tiegħu kien sostna li "fl-2005 inqatgħet il-kawża. Fit-2005 mort għand oħti u għidtilha – għandna daqsxejn problema ejja ħa naraw kif ser insolvuha. Għidtilha għax dan weħilna, ħadd ma kien jaf bihom dawn it-tletin elf interessi fuq dawn is-snin li damet il-kawża u ħadd ma kien jaf bihom. Għax l-oħrajn aħna kellna kollox imħallas minn A sa Z; però dawn ma setgħux jitħallsu għax dawn il-kawża mingħalina għax tfajna l-flus il-Qorti rasna mistrieħa li kollox imħallas. Però ġara li l-Maġistrat iddeċieda li huma – skont żball tal-avukat tiegħi kien dak iż-żmien, jew tagħna, biex inkunu eżatt, li ddepożitahom ma nafx kif b'mod li ma nifhimx fil-liġi jien ovvja, iddepożitahom ħażin."

tal-mejjet Ronald Vella James, minn fejn tirriżulta l-firma tiegħu[34], kopja taċ-ċertifikat tal-mewt ta' Ronald Vella James[35], ritratt tal-lapida tal-*accountant* Anthony Cassar li tindika li dan ġie nieqes fl-20 ta' Lulju tas-sena 1998[36], kopja legali tad-digriet fl-atti tar-rikors numru 172/15 tas-27 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet **Alfred Testa et *vs.* Joyce Vella James et** għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru li kien sar mill-attur kontra l-konvenuti[37], kopja legali tal-kontromandat 531/15 magħmul mill-konvenuti wara d-digriet fejn kienet ġiet ordnata r-revoka tal-mandat ta' sekwestru,[38] kopja ta' sitt taxxi rigward ir-rikors revoka[39], u rigward iċ-ċedoli magħmula mill-banek rispettivi in segwitu għall-mandat ta' sekwestru numru 296/16 intavolat mill-atturi, kopja legali tas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati fit-30 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet **Joyce Vella James *vs.* Alfred Testa** (40/2015 FDP)[40], kopja legali tad-deċiżjoni mogħtija mill-Bord li Jirregola l-Kera tas-16 ta' Marzu, 2015 fl-ismijiet **Beatrice Fenech et *vs.* Alfred Testa et** (74/2011 GG).[41]

Fl-udjenza tal-15 ta' Jannar, 2018 sar il-kontroeżami tal-attur Alfred Testa[42], li kkonferma li meta saret l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tal-VAT għar-reġistrazzjoni, kien hu li mar bl-applikazzjoni tiegħu u ta' Vella James. Qal ukoll li kien hu li jieħu ħsieb jieħu d-dokumenti kollha għand l-*accountant,* għalkemm kien hemm drabi fejn id-denunzji ġew iffirmati minn

[34] *A fol.* 475 *et seq* tal-proċess.
[35] *A fol.* 495 tal-proċess.
[36] *A fol.* 496 tal-proċess.
[37] *A fol.* 498 tal-proċess – il-Qorti f'dik id-deċiżjoni stabbiliet li lilha ma jirriżultalhiex li r-rikorrenti (konvenuti f'din l-istanza) għandhom xi rabta mal-lanjanzi tal-intimati, u għalhekk irrevokat l-effetti kollha tal-mandat ta' sekwestru 296/15 fl-ismijiet **Alfred u Sylvana konjugi Testa *vs.* Joyce Vella James et.**
[38] *A fol.* 505 tal-proċess.
[39] *A fol.* 507 *et seq.* tal-proċess.
[40] *A fol.* 513 tal-proċess, fejn il-Qorti kkundannat lil Alfred Testa jħallas lil Joyce Vella James is-somma ta' tmint elef, tmien mija u tlieta u tletin Euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€8,833.33) rappreżentanti s-sehem tagħha mis-somma ta' tlieta u ħamsin elf Euro (€53,000) illi kienet ġiet mislufa lill-intimat minn omm il-partijiet, u li skont ftehim tal-21 ta' April, 2011, Alfred Testa kellu jħallas lil ħutu, entro sentejn mid-data tal-mewt ta' ommhom.
[41] *A fol.* 519 tal-proċess.
[42] *A fol.* 528 tal-proċess.

Vella James ukoll. L-attur ikkonferma li fuq ebda wieħed mid-dokumenti ppreżentati mir-rappreżentanti tad-Dipartiment tal-VAT ma hemm il-firma ta' Vella James. L-attur qal li t-twellija lil Carmel Giordmaina saret bil-kunsens ta' Ronald Vella James, u dan minkejja li l-firma ta' Vella James ma tidher imkien fuq l-iskrittua ta' twellija. L-attur ikkonferma li għat-twellija tħallas rigal ta' ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), u li dawn tħallsu direttament lilu minn Giordmaina. Qal ukoll li apparti dak l-ammont, hu irċieva ammont ulterjuri għall-istokk li kien hemm fil-ħanut. L-attur qal li ammont sostanzjali minn dawk il-flus ġew iddepożitati l-Qorti permezz ta' ċedoli għall-ħlas tal-kera tal-istabbiliment, u qal li dan il-ħlas kien jammonta għal madwar tmintax-il elf Lira Maltin (LM18,000). L-attur ikkonferma wkoll li l-kawżi li saru mis-sidien tal-istabbiliment infetħu kontrih u kontra l-mara tiegħu, u li dan sar minħabba li l-kuntratt lokatizju kien iffirmat minnu biss. L-attur ikkonferma li hu qatt ma sejjaħ lil oħtu jew lir-raġel tagħha sabiex jidhru f'dawn il-kawżi, u qal li dan sar minħabba li r-raġel t'oħtu Ronald Vella James kien ma jiflaħx u għalhekk xtaq jevita li jtellgħu l-Qorti. L-attur ikkonferma li oħtu, il-konvenuta, kienet taħdem sigħat twal fl-istabbiliment tiegħu, u qal li l-ftehim li hu kellu mar-raġel tagħha kien li huma jaqsmu d-dħul:

> "Jien kont miftiehem mar-raġel tagħha, li jkun hemm jinqasam imbagħad jirranġa hu xi jrid jagħtiha u ma jtihiex. Issa jien mhux ħa nidħol fil-mertu kemm taha paga u ma tahiex."

Madanakollu l-attur ikkonferma li hu qatt ma ta paga lil oħtu, kif ukoll li lanqas kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali ma kien iħallas la f'isem oħtu u lanqas f'isem ir-raġel tagħha. Qal li dan seħħ minħabba li kemm hu kif ukoll ir-raġel t'oħtu kienu rreġistrati bħala *self-employed.* Hu spjega wkoll li ladarba l-ispejjeż li kien hemm kienu tas-sħubija, hekk kif irċieva l-flus tat-twellija, l-

ewwel ħaġa li għamel kienet li ħallas l-ispejjeż li kien hemm, u l-flus li kien baqa' nqasmu bejnu u bejn Ronald Vella James. L-attur ikkonferma li l-pretensjoni tiegħu fil-kawża odjerna hi għall-ħlas ta' sbatax-il elf Euro da parti tal-konvenuti, u li dawn l-ispejjeż hu daħal fihom minħabba li kien sar 'żball' fi proċedura legali u minħabba f'hekk ġew intaxxati l-imgħaxijiet fuq flus iddepożitati l-Qorti. L-attur insista li l-konvenuti dejjem irrikonoxxew li jkun x'ikun l-eżitu tal-kawżi, fl-aħħar kellu jinqasam kollox bejn il-partijiet, u qal li minħabba li huma dejjem kellhom tama li ser jirbħu l-kawżi, hu qatt ma insista li l-konvenuti joħorġu sehemhom mill-ispejjeż legali li kienu qed isiru, anki minħabba li kien jaf li dawn kienu qegħdin jgħixu biss bil-pensjoni. Lill-attur sarlu riferiment għall-fatt li mit-taxxi ppreżentati minnu jidher li dawn jammontaw għal ċifra li hija inqas mit-talba li ressaq hu quddiem il-Qorti, tant li permezz ta' taxxa minnhom, hu qiegħed jippretendi li jirkupra mingħand il-konvenuti spejjeż li hu rebaħ mingħand is-sidien tal-fond, u li għandhom jitħallsu lilu mingħandhom. F'dan il-kuntest, l-attur wieġeb illi:

> "Jien ma nafx eżatt x'inhuma t-taxxi, issa però naf eżatt li hemm ma tantx hemm fejn tmur li hemm ħafna flus għax dak hemm tnax-il elf li huma thirty five thousand parti mill-interessi jekk tagħmel seventeen thousand, xi elf hemm li qed tgħid inti. Ma nafx x'inhuma eżatt jien però m'hemmx xi affarijiet ta' xi eluf għax jekk hemm kalkolu ta' tletin elf u hemm l-ispejjeż tnejn u tletin elf, hemm aħna sbatax jiġu n-nofs, jiġifieri imma ma nafx kemm qed tgħid hemm somom kbar li hemm differenza."

Fl-istess udjenza xehdet il-konvenuta **Maria Carmen James**[43], li qalet li mhu minnu xejn li kien hemm episodju fejn ommha marret tibki għand l-attur minħabba f'xi flus li allegatament kienet tat lilha. Qalet ukoll li hi u ħutha qatt ma kellhom xi jgħidu bejniethom.

[43] *A fol.* 545 tal-proċess.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' Benjamin Testa[44], li kkonferma li hu kien jaf li ommu kienet silfet xi flus lill-attur, u li dwar dan is-self kienet saret skrittura quddiem in-nutar Reuben Debono, li kienet tispeċifika li dawn il-flus iridu jitħallsu mill-attur lil ħutu fi żmien sentejn mill-mewt ta' ommhom. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenuta ma kinitx ħadet sehemha wara li l-attur allega li din kellha ttih xi flus relatati mal-kera tal-ħanut 'All Saints'. Ix-xhud ikkonferma wkoll li fis-sena 1981 hu kien beda jaħdem fl-istabbiliment 'All Saints', iżda waqaf wara madwar tliet xhur, u qal li hu jaf li f'dak iż-żmien l-ispejjeż u l-pagi tal-ħaddiema kien iħallashom ħuh Alfred Testa.

Fl-udjenza tas-7 ta' Marzu, 2018 sar il-kontroeżami ta' Maria Carmen James[45], li qalet li hi kienet taf dwar dak miftiehem bejn l-attur u missierha minħabba li kienet tisma' lil missierha jitkellem. Qalet ukoll li hi qatt ma semgħet lil missierha jitkellem dwar xi laqgħat li saru mal-*accountant* jew dwar il-ħsieb li kien hemm li tiġi ffurmata kumpannija bejn missierha u l-attur. Qalet li hi, ħutha u ommha kienu sorpriżi ħafna meta qraw f'waħda mis-sentenzi tal-Qorti, li l-attur kien offra l-prezz ta' sittin elf Lira Maltin (LM60,000) biex ikun jista' jixtri l-ħanut inkwistjoni, u qalet li dan kollu sar minn wara dahar missierha, għaliex missierha kien jiddiskuti magħhom dak kollu li kien ikun għaddej fl-'All Saints'. Il-konvenuta Maria Carmen James ġiet mistoqsija jekk tafx li l-*profit and loss accounts* ta' kull sena fir-rigward tal-ħanut 'All Saints' kien ikunu annessi mad-dikjarazzjoni tat-taxxa ta' missierha, iżda hi wieġbet li dan ma tafux. Qalet ukoll li għal skopijiet ta' taxxa missierha kien irreġistrat bħala *self-employed.* Hi kompliet tgħid li hi saret taf din l-informazzjoni mix-

[44] *A fol.* 547 tal-proċess.
[45] *A fol.* 553 tal-proċess.

xhieda li ta Alfred Testa fl-udjenza preċedenti. Hi kompliet tgħid li meta hi għamlet il-verifiki tagħha, irriżultalha li l-bolol ta' missierha ma kinux imħallsin, għalkemm kien hemm żmien meta dawn kienu jitħallsu minn Alfred Testa nnifsu. Hija kompliet tgħid li matul il-ġurnata, kien hemm drabi meta missierha kien joqgħod mal-*cash register,* għalkemm l-attur kien imur filgħaxija u joqgħod mal-*cash register* hu. Qalet ukoll li kien hemm drabi meta missierha talab lill-attur jagħtih rendikont tal-ġestjoni tal-ħanut, iżda din qatt ma ngħatatlu. Qalet li kien hemm drabi meta missierha ħareġ sehmu mill-kera, għalkemm qalet li ma tafx jekk missierha kienx sħab fin-negozju mal-attur jew inkella kienx *self-employed.* Mistoqsija dwar ir-raġuni għalfejn qalet li missierha kien impjegat meta dan ġieli talab rendikont lill-attur tal-amministrazzjoni tan-negozju, hi qalet li ma tistax tifhem kif xi ħadd ikun sħab miegħek fin-negozju mingħajr ma jieħu paga. Hi kompliet tgħid li m'hemm l-ebda karti li jgħidu li missierha kien sħab mal-attur, li min-naħa tiegħu kien imexxi kollox waħdu. Qalet ukoll li missierha kien ikun involut biss biex jaqsam l-ispejjeż mal-attur. Qalet li hija taf li bħala fatt missierha kien jaqsam fit-telf, għalkemm qalet ukoll li kien hemm ċirkostanzi fejn missierha ma kienx jieħu paga, u li kien l-attur li kien jiddeċiedi dwar dawn l-affarijiet. Maria Carmen James qalet li ma tafx il-ftehim bejn il-partijiet x'kien fir-rigward tad-drabi meta kien hemm profitti.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' Rita Briffa[46], li qalet li n-negozju twella f'Diċembru tal-1997. Għas-suġġeriment li n-negozju kien twella fl-aħħar ta' Marzu jew April tas-sena 1998, meta kien sar festin fl-istabbiliment li għalih kienet mistiedna hi wkoll, ix-xhud qalet li hi ma kinitx hemm. Qalet ukoll li

[46] *A fol.* 570 tal-proċess.

meta missierha u Alfred Testa kienu jitkellmu dwar negozju, hi qatt ma kienet tkun preżenti. Ix-xhud qalet li hija bbażat l-*affidavit* tagħha fuq dak li jirriżulta mill-karti li rat, u minn dak li semgħet fid-dar ta' ommha. Qalet li hija ma tafx tgħid jekk missierha kienx sħab fin-negozju mal-attur, jew inkella jekk kienx impjegat bil-paga. Hi kompliet tgħid li hi ġieli semgħet lil missierha jgħid li Alfred Testa kien irid jikkmanda kollox hu, u li qatt ma kien itih id-dritta għal xejn. Irrimarkat ukoll dwar il-fatt li anki meta l-attur ħa l-flus tat-twellija, iċ-*cheque* inħareġ fuq ismu biss u mhux fuq isem missierha wkoll.

Fl-udjenza tal-14 ta' Mejju, 2018 sar il-kontroeżami ta' Josette Calleja[47], li qalet li hi waħda mill-werrieta ta' Ronald Vella James, u li hi ġieli ħadmet fl-'All Saints Bar and Restaurant', fil-bidu meta infetaħ dan il-ħanut, u hi damet tagħmel dan snin. Din il-konvenuta kkonfermat li meta kienet tmur ir-*restaurant*, kienet tagħmel dak kollu li kien ikun hemm bżonn. Qalet li hi dejjem tħallset tax-xogħol li kienet tagħmel, għalkemm il-bolol tagħha ma kinux ġew imħallsa. Qalet li Alfred Testa beda jħallsilha l-bolol meta bdiet taħdem fil-fabbrika tiegħu. Calleja qalet li missierha dejjem *self-employed* kien, u li l-attur kien iħallilha l-flus biex tħallas l-*invoices.* Hi kkonfermat li missierha qatt ma kien impjegat mal-attur u kien dejjem *self-employed.* Qalet ukoll li l-attur qatt ma ta paga lil ommha, u dan minkejja li din kienet tagħmel sigħat twal taħdem fil-ħanut fuq perijodu ta' snin. Hi qalet li l-attur u missierha kienu jaqsmu d-dħul kollu tal-ħanut, u li kien l-attur li kien jieħu ħsieb iqassam dawn il-flus. Calleja qalet li huma kienu tlett itfal fil-familja, għalkemm fiż-żmien li fih missierha u ommha kienu jaħdmu fil-ħanut tal-attur, mhux it-tfal kollha kienu għadhom jiddependu fuq il-ġenituri. Qalet ukoll li sa fejn taf hi l-

[47] *A fol.* 578 tal-proċess.

ġenituri tagħha ma kellhom l-ebda introjtu ieħor għajr għal dak li kienu jdaħħlu mill-ħanut dak iż-żmien. Hi qalet ukoll li minkejja li kienet tqatta' ħafna ħin mal-attur u anki kienet taħdem miegħu, hija ma kinitx taf li kien hemm xi kawżi marbuta mal-ġestjoni tal-istabbiliment 'All Saints'. Il-konvenuta Calleja qalet li kienet oħtha Carmen li kienet tieħu ħsieb il-formoli tat-taxxa ta' missierhom, u meta missierha kien għadu ħaj il-karti tal-*income tax* kien jagħmilhomlu l-attur, li kien jieħu ħsieb id-dokumenti kollha ta' missierha. Hi qalet li sa fejn taf hi missierha kien jieħu paga ta' madwar tletin Lira fil-ġimgħa, għalkemm qalet li ma tafx jekk kinux jaqsmu l-qligħ mal-attur fl-aħħar tas-sena. Qalet li l-andament tan-negozju kien jiddependi mill-istaġun, u li fis-sajf kien ikun aħjar milli fix-xitwa. Qalet li ġlied bejn il-ġenituri tagħha u l-attur qatt ma kien hemm, iżda ġieli semgħet lil ommha tgerger minħabba li hi ma kinitx tieħu paga minkejja s-sigħat twal li kienet tqatta' fil-ħanut. Calleja qalet li l-istabbiliment 'All Saints' kien twella mill-attur, għalkemm ma kinitx taf jekk il-ġenituri tagħha kinux involuti fit-twellija jew le.

Fl-istess udjenza sar il-kontroeżami ta' Joyce Vella James[48], li kkonfermat li l-ewwel mandat ta' sekwestru fl-ammont ta' tmint elef u tliet mitt Euro (€8,300), kienet hi li għamlitu lill-attur. Ikkonfermat li hi u r-raġel tagħha kienu jaħdmu fl-istabbiliment 'All Saints Bar & Restaurant' fl-istess żmien. Għas-suġġeriment li Alfred Testa kien mar ikellimha dwar kawża li nqatgħet fl-2005, Joyce Vella James qalet li ma tiftakarx, u li ħuha kien beda jkellimha b'mod regolari wara li mietet ommhom u hi messha tieħu xi flus minn t'ommha. Qalet ukoll li mhux minnu li ħuha kien issuġġerilha li l-flus tal-kawża joħroġhom hu, u li huma setgħu jirranġaw bejniethom meta jkollhom xi flus li

[48] *A fol.* 590 tal-proċess.

kien se jmisshom mill-wirt ta' ommhom. Joyce Vella James baqgħet tinsisti li hi u r-raġel tagħha kienu jaħdmu fil-ħanut tal-attur, u li hi qatt ma ħadet paga minn hemm. Qalet li dan għamlitu biex tgħin lill-familja. Qalet li r-raġel tagħha kien jieħu paga ta' madwar tletin Lira Maltin (LM30) fil-ġimgħa, imma ċaħdet li kien hemm xi snin li fihom ħuha qasam il-profitti tan-negozju mar-raġel tagħha fl-aħħar tas-sena. Hija baqgħet tinsisti li huma qatt ma kienu sħab mal-attur u li kien hu li kien imexxi kollox.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

Il-Qorti qieset fil-fond il-provi miġjuba quddiemha fil-kuntest tat-talbiet tal-atturi, sabiex fl-ewwel lok tiddetermina jekk bejn l-attur u Ronald Vella James kienx hemm relazzjoni kummerċjali ta' *partnership* jew sħubija ċivili kif maħsuba fl-artikolu 1644 *et seq.* tal-Kodiċi Ċivili, u dan minkejja d-diverġenzi li rriżultaw mill-provi u mix-xhieda mogħtija mill-partijiet. Min-naħa l-waħda l-Qorti semgħet lill-attur jispjega kif hu deher għall-iffirmar tal-kuntratt ta' kiri tal-istabbiliment bl-isem 'All Saints Bar and Restaurant' f'isem soċjetà kummerċjali li kienet għadha ma ġietx iffurmata, u dan minħabba li jidher li oriġinarjament l-intenzjoni kienet li dan l-istabbiliment jiġi operat minn kumpannija, u sussegwentement għall-iffirmar ta' dan il-kuntratt lokatizju kien ġie deċiż li l-istabbiliment għandu jitmexxa bħala *partnership* jew sħubija ċivili. Għal xi raġuni ma kinitx ġiet iffirmata skrittura privata li tifformalizza l-ftehim li suppost kellhom bejniethom l-attur u Ronald Vella James, bir-riżultat li l-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' dan in-negozju, u aspetti finanzjarji u kummerċjali relatati baqgħu ma ġewx regolati bil-kitba. Din is-sitwazzjoni

wasslet biex sa mill-bidu nett li dan ir-*restaurant* beda jiġi operat, l-attur ħa f'idejh it-tmexxija tal-aspetti amministrattivi u milli jidher anki finanzjarji kollha tan-negozju, filwaqt li r-raġel tal-konvenuta Joyce Vella James jidher li kien mistenni li jagħmel xogħol ta' kuljum fil-ħanut, bħas-servizz ta' xorb minn wara l-bar, jirċievi konsenji, u jagħmel xogħol ieħor bħal dan. Mart Ronald Vella James, il-konvenuta Joyce Vella James ukoll kienet tagħti sehemha fil-ħanut, billi kienet taħdem fil-kċina għal sigħat twal, iżda mingħajr ma tieħu paga. Ronald Vella James kien reġistrat bħala *self-employed* għall-fini ta' ħlas ta' taxxa u ta' kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, għalkemm il-konvenuti xehdu li kien hemm żmien meta Alfred Testa kien iħallas il-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali ta' missierhom.

Il-Qorti qieset li mill-*profit and loss accounts* esebiti, jidher ċar li r-raġel tal-konvenuta kien jieħu sehem mill-profitti li jiġu ġġenerati, filwaqt li skont id-dokumenti ppreżentati fid-Dipartiment tal-VAT u fid-Dipartiment tat-Taxxa, jirriżulta li Ronald Vella James kien indikat bħala imsieħeb mal-attur fin-negozju.

Min-naħa l-oħra l-konvenuti mart u wlied Ronald Vella James jeċċepixxu li dan ma kienx soċju mal-attur għax ma kienx ikun infurmat bl-ebda deċiżjoni marbuta mat-tmexxija tan-negozju. F'dan il-kuntest, il-konvenuta Joyce Vella James saħansitra tagħmel l-asserzjoni li r-raġel tagħha kien sempliċiment 'lavrant', u dan minkejja li l-konvenuta ammettiet f'imkejjen oħra tax-xhieda tagħha, li kien hemm drabi meta r-raġel tagħha ħa sehem mill-profitti ġġenerati min-negozju. Madanakollu minn dak li semgħet il-Qorti joħroġ ċar li l-attur kellu kontroll assolut fuq il-ħlasijiet li kienu jsiru fir-rigward tal-istabbiliment 'All Saints', tant li ċ-ċekkijiet u l-pagamenti kienu jsiru kollha

minnu jew permezz ta' ċekkijiet iffirmati minnu. Mill-provi jirriżulta wkoll li l-attur ma kien jagħti sodisfazzjon lil ħadd għar-rigward tat-tmexxija tan-negozju, u kien hemm affarijiet relatati mat-tmexxija li l-konvenuti saru jafu bihom biss bis-saħħa tad-deċiżjonijiet li taw il-Qrati u li ġew a konjizzjoni tagħhom wara li nfetħet din il-kawża. Hekk pereżempju jidher li ad insaputa tal-konvenuti, l-attur kien dispost li saħansitra jixtri l-istabbiliment inkwistjoni u ttenta jpaċi l-ħlas tad-depożitu għax-xiri tal-istess ma' kirjiet dovuti fuq numru ta' xhur. Spiża sostanzjali oħra tan-negozju, dik minfuqa għall-bdil tas-soqfa, ukoll ma ngħata l-ebda rendikont dwarha mill-attur lill-konvenuti jew lil Ronald Vella James, li suppost kien soċju miegħu fin-negozju, u wara li dan allega li nefaq is-somma ta' aktar minn ħdax-il elf Lira Maltin (LM11,000) għall-bdil tas-soqfa, naturalment mill-kontijiet tan-negozju, irriżulta li s-soqfa nbidlu a spejjeż tas-sid tal-fond inkwistjoni. Ix-xhud Carmel Giordmaina xehed li minkejja li hu fthiem kemm ma' Alfred Testa kif ukoll ma' Ronald Vella James dwar it-twellija ta' dan l-istabbiliment, u li t-tnejn li huma ħadu sehem attiv fil-proċess tat-twellija, madanakollu ammetta li ċ-ċekk bir-rigal tat-twellija, ammontanti għal ħamsa u għoxrin elf Lira Maltin (LM25,000), kien tħallas minnu lill-attur waħdu. Ġie kkunsidrat ukoll dak li qal Benjamin Testa, ħu l-attur, li minkejja li oriġinarjament kien involut f'dan in-negozju, wara biss sitt xhur iddeċieda li jmur għal triqtu, li qal li Alfred Testa kien jieħu ħsieb l-aspetti tal-amministrazzjoni tan-negozju waħdu, u li hu qatt ma ra xi *profit and loss account* fir-rigward tas-sħubija, u dan minkejja li fuq il-*profit and loss account* tal-1981, hu indikat bħala persuna li pparteċipat fil-qsim tal-profitti.

Fid-dawl tas-suespost, jirriżulta b'mod ċar li l-attur kellu kontroll assolut fuq l-aspetti kollha tal-ġestjoni tal-ħanut, u li minkejja li r-raġel tal-konvenuta kien

ikun fl-istess stabbiliment jagħmel ix-xogħol minn ġurnata għall-oħra, kien l-attur li effettivament kien imexxi dan in-negozju.

Il-Qorti qieset id-dispost tal-artikolu 1644 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi illi:

> "Is-soċjetà hija kuntratt li bih tnejn min-nies jew iżjed jiftiehmu li jqiegħdu xi ħaġa in komun, sabiex jaqsmu l-qligħ li b'hekk jistgħu jieħdu".

Wara li qieset il-provi kollha miġjuba f'din il-kawża, il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-arranġamenti li seta' kellhom f'moħħhom il-partijiet, ma jistgħu jaqgħu taħt l-ebda dispożizzjoni oħra tal-liġi, u li minn imkien fil-kawża ma jirriżulta li kellhom f'moħħhom xi forma ta' soċjetà oħra għajr għal dik ikkontemplata fl-imsemmi artikolu. Madankollu l-Qorti tagħmilha ċara li n-nuqqas ta' stipulazzjoni bil-miktub ta' dak li kellhom f'moħħhom il-partijiet, in-nuqqas ta' informazzjoni dwar kull wieħed minnhom x'ikkontribwixxa biex daħal f'din is-'sħubija', in-nuqqas ta' provi dwar kif kellhom jinqasmu l-profitti bħalma kien ikun pereżempju *profit sharing agreement*, in-nuqqas ta' stipulazzjoni bil-miktub dwar ir-rwol li kull wieħed mill-partijiet kellu jaqdi fin-negozju, huma lkoll nuqqasijiet serji li wasslu għas-sitwazzjoni li jinsabu fiha l-partijiet illum. Huwa in vista ta' dawn id-diversi nuqqasijiet li l-Qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li ma jistax jitqies li bejn l-attur u missier il-konvenuti kien hemm 'sħubija' fit-termini maħsuba fil-liġi, partikolarment minħabba li l-partijiet qatt ma rreġistraw jew b'xi mod ħasbu biex jirregolaw bil-miktub ir-relazzjoni ta' bejniethom. L-attur ċertament li qatt ma mexa bħala 'sħab' fin-negozju u għal snin sħaħ assuma waħdu r-rwol ta' deċiżjonijiet amministrattivi u finanzjarji tan-negozju, mingħajr l-involviment tal-persuna l-oħra li suppost kienet imsieħba miegħu f'din ir-relazzjoni kummerċjali li l-partijiet suppost kellhom bejniethom, u li kien iżomm sajjem minn informazzjoni li kull min ikun

imsieħeb f'soċjetà għandu dritt li jingħata mingħajr ma jkollu għalfejn jinterpella lil ħadd għaliha.

Għal snin sħaħ l-attur deher waħdu u f'ismu personali, fil-kawżi li kienu jinvolvu l-istabbiliment li l-attur u Ronald Vella James suppost kienu qegħdin jiġġestixxu bi sħab, u dan mingħajr ma talab is-sejħa tal-konvenuti fil-kawża. Bl-istess mod l-attur assuma responsabbilità waħdu għal ċerti obbligi tan-negozju, bħall-ħlasijiet li kienu jsiru b'ċekkijiet ikkontrollati minnu biss, il-ħlas tal-kera li l-konvenuti jgħidu li missierhom kien mingħalih li qiegħed isir, iżda li rriżulta li ma kienx sar kif kien mifthiem, il-flus tat-twellija, li l-attur jidher li rċieva waħdu, u l-bilanċ tal-kotba u l-ħlasijiet marbuta man-negozju. Anki li kieku mill-provi l-Qorti kellha indizji ċari li bejn il-partijiet kien hemm sħubija, li ma kienx hemm, jidher ċar li l-attur kien jieħu ħsieb l-aspetti amministrattivi kollha tan-negozju, u li għalhekk kienet responsabbilità tiegħu li jassigura li l-kirjiet jitħallsu f'waqthom, u li ma tinħoloq l-ebda sitwazzjoni fejn ikun hemm arretrati ta' ħlasijiet dovuti, jew proċeduri legali mibdija kontrih jew kontra xi ħaddieħor minħabba f'dan in-nuqqas, u għalhekk ma jistax jingħad li anki li kieku kien hemm is-sħubija li l-attur qiegħed jippretendi li kien hemm, il-konvenuti kellhom xi responsabbilità għall-ħlas li l-attur qiegħed jippretendi minn għandhom.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti;**

**2. Tiċħad it-talbiet tal-atturi.**

**Spejjeż tal-kawża a karigu tal-atturi.**

Moqrija.